I

# " L - A V U K A T   D I F E N S U R "

T A'

MARIO MORAIS

Kummiedja fi tlett Atti

Maqluba għal Malti

minn

Charles Attard.

JIEHDU SEHEM:

| | | |
|---|---|---|
| BEPI | .... | .......... |
| MADALENA | .... | .......... |
| LUCIETA | .... | .......... |
| CHECHI | .... | .......... |
| PINA | ..... | .......... |
| ANZOLO | .... | .......... |
| FILIPO | . . . | .......... |

- - - - - - - - - - - - - - - - -

Il-Ġrajja ssir f'Venezia, fi żimijietna.

Ix-Xena: Kamra tal-pranzu. Faċċata, fuq il-L. kredenza. Fuq ix-X. l-etagere. Żewġ bibien f'kull-ġenb. Fuq ix-X. tieqa. Fin-nofs, lampa tal-Gas u taħta l-mejda. Fil-ġenb, fuq ix-X., id-divan, tavolin u żewġ pultruni.

- - - - - - - - - -

Il-Kummiedja ġiet ppreżentata għall-ewwel darba b'dijalett Venezjan f'Milan, nhar l-Erbgħa, 25 ta' April, 1906 mill-Kumpanija Geldoniana Dora Baldanello.

- - - - - - - - - -

Megħti bidu fit-18.2.65. Mitmum fil-5 ta' Marzu, 1965.

Charles Attard.

## L - EWWEL ATT.

### i. xena.

Bepi, Madalena, Lucieta u Pina bilqiegħda madwar il-mejda; jidhru li għadhom kemm spiċċaw mill-ikel.)

**Bepi:** U dak l-imbierek ta' tifel għadu ma ġiex.

(Jipprova iferragh tazza mbid oħra. Madalena taħtaflu t-tazza minn idu)

U daqxejn se nieħu.....

**Mad.:** Ħadt biżżejjed.

**Bepi:** Tliet tazzi mhux mimlijin biex sgur ma nwaqqaghlekx fuq id-dvalja.

**Mad.:** Għedtlek xrbt biżżejjed.

**Bepi:** U isa, daqxejn oħra.....Qatra waħda.

**Mad.:** Le, anqas qatra.

**Lucieta** Tkunx esaġerata, mama'.

**Bepi:** Għidilha, għidilha.....

**Mad.:** (Tferragħlu nofs tazza oħra) Ħa ftit ieħor.... Qisek spenża.

**Bepi:** (Jixrob, imbagħad jilghaq xoftejh) Nena ta' qalbi, ma tafx li l-imbid huwa l-ħalib tax-xjuħ?

**Luc.:** (Tqum) Sejra mbiddel.

**Mad.:** Ma tridx kafe'?

**Luc.:** Issa, Pina, tnewwilli kikkra fil-kamra tiegħi.

**Pina:** (Tqum) Iva, sinjorina, issa nġiblek kikkra.

(Toħroġ mill-ewwel bieb ta' fuq il-L.)

**Bepi:** Għad għandek żmien biex tbiddel...għadhom anqas daqqu s-sebgħa.

**Luc.:** Għad irrid nagħmel ~~xarf~~ xagħari...ninħasel....

**Bepi:** Tinħasel għadek kemm tiekol?

**Luc.:** Imdorrija.

**Bepi:** Taqbdek x'indiġistjoni, imbagħad imbagħtu bik għna.

**Mad.:** Uff!..Kemm għandek diskors żejjed.....

**Bepi:** Bik, ma nistax nitkellem...Int is-salib tiegħi.

**Luc.:** Mama', x'ħin ngħajjatlek, tħallinix nistenna...Nieħu griżmejja ngħajjatlek.

**Mad.:** Tajjeb.

**Luc.:** U tinsiex tibagħtli l-kafe'.

(Toħroġ mill-ewwel bieb tax-X.)

**Mad.:** Tieħux ħsieb, Lucieta.

ii. xena.

L-istess persunaġġi barra minn Lucieta.

Bwpi: Kemm darrejtha tajjeb.

Mad.: Qum minn hemm għax irrid nisbarazza.

Bepi: U jekkm jiġi t-tifel?

Mad.: Jiekol fil-kċina...Qum minn hemm.

Bepi: X'ħajja!... Ma tistax tarani daqxejn fil-paċi.

(Jaqbad id-dvalja u iwarraba minn quddiemu)

Mad.: Ikellem ftit maniera jekk taf xi tfissru ~~maniera~~.

Bepi: Aqta biċċa minn dak l-ilsien. Pina? Il-kafe'.

(Jintelaq fuq id-divan)

Pina: (Minn ġewwa) Ġejja, sinjur, ġejja.

Mad.: Ma tistax teqgħed bilqiegħda bħan-nies?

Bepi: Ħallini kwiet, trid?

Mad.: Ara ftit...ara ftit x'sura għamiltu dak id-divan...Il-mèlel kollha kissirthom...fin-nefs, taqqabtu..dal-waqt tisfrundah.

Bepi: Imma, jien padrun tad-dar għal xejn? Ma nistax neqgħed kif irrid? Għalfejn xtrajna l-għamara biex neqgħed inħares lejha?

Mad.: Ma xtrajnihiex biex tirvinaha sgur.

Bepi: Isket trid? Ma nkemplux...Ġa għamiltli uġiegħ ta' ras. Pina? Dakmil-kafe u tazza konjak.

Mad.: Eh, issa se tieħu l-konjakk ukoll?

Bepi: U sgur.... Il-konjak kontra t-te'...igħin fid-diġestjoni.

Mad.: Injurant!

Pina: (Tidħol) Hawn il-kafe'.

Bepi: Brava...Qiegħdu hawn u newwilli l-flixkun tal-konjak.

Pina: (Tqiegħed it-tazza fuq it-tavolin: Lil Madalena) Sinjura, int m'intix se tieħu kafe'?

Mad.: Le, biżżejjed għandi nervi.

Bepi: (Jixreb il-kafe') M'hemmx periklu...ilma tal-qastan.. Għedtilkom kemm-il-darba...il-kafe' rridu tajjeb.

Pina: Għamilt erba' kuċċarini mburġati....

Bepi: (Ironiku) Jidher.....

Mad.: Ħallih igħid...Lil dan, ma tikkuntentah qatt.

Bepi: (Jieħu l-flixkun tal-konjak li ġibitlu Pina u iferragħ ftit f'tazza) Tassew naqblu.

Mad : (Taħtaflu l-flixkun minn idu) Trid ma tixrobx iżjed?

Bepi : Trid tħallini kwiet? Iżżejjed imbidded.. Wara kollox, jien jew m'iniex il-kap tad-dar?

Luc. : (Minn ġewwa) Mama'!

Mad. : (Lil Pina) Hu kikkra kafe' lil Lucieta.

Pina : Tajjeb. (Toħroġ mill-ewwel bieb ta' fuq ix-X.)

Bepi : Ciss!...Għalfejn ħdimt għomri, biex anqas nista' nitfiffes. Anqas jien raġel noħroġ nilgħab partita karti mal-ħbieb.

Mad. : Meta ħallejtek toħroġ, ġejtni f'sakra ma tarax art.

Bepi : Mhux tassew!...Kieku stess, tajt fastidju 'l xi ħadd?

Pina : (Tidħol u lil Maddalena:) Is-sinjorina tridek. (Toħroġ)

Mad. : Ġejja! (Lil Bepi) Tinsiex tilbes l-għonq tal-kawxu.

Bepi : Ma nafx nilbsux. Inħossu jifgani... qisni għandi cirku tal-ħadid m'għonqi...Nirrah mgħarraq min inventhom.

Luc. : (Minn ġewwa) Mama'!

Mad. : Allura, trid tmur liebes kif ġie, ġie? Issa, li qegħdin nagħmluha mal-puliti?

Bepi : X'aħna jgħodd mhux ma' min qegħdin nagħmluha... Kulħadd jaf li missierek kien skarpan u tiegħi, biccier...Int kont taħdem fil-londri u jien ix-xatt inġorr il-qamħ.

Mad. : (Taqtagħlu kliemu) Tgħid ser iddum sejra?

Bepi : X'inhi?

Mad. : Dil-mużika sabiħa.

Bepi : Jien....

Mad. : Konna li konna, x'aħna 'llum jgħodd. Hemm bżonn li nżommu ruħna talli aħna 'llum, jekk mhux għalina, għallanqas, għal uliedna.

Luc. : (Minn ġewwa) Mama'!!!

Mad. : Jekk ridt tibqa' tgħix bħal qabel, ma kellekx tlaħħaq lil ibnek avukat u lil bintek derrejtha tilbes qisha figurina.

Bepi : Jaqaw, ser tlumni għaliex edukajt lil uliedi? Aħjar naqtugħa għax mhux ta' min jirraġuna miegħek.

Mad. : U int, meta rraġunajt?

Bepi : Sewwa qiegħda tgħid. Kieku kont nirraġuna m'għamiltx dak l-iżball kbir. Maddalen, aħjar ma nissoktawx... Aħjar noqgħodu kwieti.

Mad. : Le, le, għażiż tiegħi... dak li għandek fl-istonku, aħjar taqilgħu.

Bepi: : La trid li nissoktaw, allura ngħidlek li l-ikbar żball ta' ħajti, kien, meta iżżewwiġt lilek.

(Jixrob, jixraq u jibda jisgħol)

Mad. : Isimgħu...Isimgħu!... Alla qiegħed iħallsek.

Bepi : Qiegħed iħallasni għax qiegħed nieħu l-kafe'?

(Ikompli jisgħol)

Mad. : Totkellimx għax terġa' tixraq. (Ittaptaplu fuq spaltu) Ikkalma, Bepi....Int ma tistax tkellmek...malajr titlef ittempra.

Bepi : Int...Int titlifni minn sensija.

Mad. : Għaddielek, issa? Diskksogħla hemm bżonn li tikkuraha. (Tbusu)

Bepi : (Kalm) Il-bewsa ta' Ġuda!

(Tidħol Lucieta minn fuq ix-xellug, liebsa l-kurpett b'dirgħajha mikxufin)

Luc. : Mama', jaqaw ittarraxt? Ili siegħa ngħajjatlek!

Mad. : Ġejja, ġejja....

Luc.Ma nistax norbot fuqek.... M'għandi ebda għajnuna minnek.

Mad. : X'ġara? Jaqaw l-ommok ħsiebtha xi seftura tiegħek? Ħares ftit lejha....Nofsha għarwiena...Qiegħda tidsogra li tieħu xi riħ.

Luc. : Mama', agħmilli pjacir ejja rranġali xagħari.

Mad. : Ġejja. (lil Bepi) Int, mur ilbes. Jekk jiġi l-konti m'irridux isibek hekk. Bilħaqq, ic-cavetta tal-palk fejn qegħdtha?

Bepi : Fl-ewwel kexxun tal-kredenza.

Luc. : Mama', ġejja?

Mad. : Iva, ġejja... (Lil Bepi) Il-libsa, il-qmis u l-għonq, issibhom fuq is-sodda.

Luc. : Ħaffef, papa' u ilbes l-aħjar li għandek. Meta tkun imbiddel, anqas tgħarfek...Taħsbek xi persuna pulita. (Toħroġ minn fuq ix-X. ma' Maddalena)

Bepi : (Wara pawsa) Pina!
(Tidħol Pina)

Pina : X'għandek bżonn, sinjur?

Bepi : Warrab minn quddiemi dak il-kafe'!

Pina : Tajjeb, sinjur. (Taqbad l-ordenji tal-kafe' u toħroġ minn fuq il-L.)

Bepi : (Jersaq lejn il-kredenza, isaffar. Jerġa' jimla tazza imbid u jibda jkanta:)

"Nixorbu, nixorbu,
ferħana u daħqaħa...."

(Tinstama' l-qampiena waqt li qiegħed jixrob)
Pina! Ġie xi ħadd?

Pina : (Titfacca fuq il-bieb) Daqqet il-qampiena, ħalli mmur nara min ġie. (Tidħol biex tmur tiftaħ)

Mad. : (Minn fuq il-bieb tax-X.) Għid lil Pina tnewwilli l-furficetti; qegħdin fuq it-twaletta. (Terġa' tidħol)

(Jidħol Chechi segwit minn Pina mill-bieb tal-faccata)

Chechi : Bonsoir, papa'.

Bepi : Wasalt fl-aħħar? Il-gost li nieħu meta narak fuq il-mejda magħna, qiegħed tichaduli wkoll.

Chechi : Papa, dawn il-ġranet għandi x'nagħmel ħafna.

Bepi : Jaqaw, bil-ġuri?

Chechi : Iva!

Bepi : Hu Pacenzja, Pina, qaltlek Nena ħudilha l-furficetti... qegħdin fuq it-twaletta.

Pina : Tajjeb, sinjur! (Toħroġ mit-tieni bieb ta' fuq ix-X, imbagħad terġa' lura u tidħol mill-ewwel bieb ta' fuq ix-X.)

Bepi : Naħseb li jffjakkajt, hux tassew?

Chechi : Anqas xejn!

Bepi : Dan, kif? Jaqaw ma tħossokx fiha?

Chechi : Le, le, m'għandi xejn.

Bepi : Fhimtek!... Bwiet vojta...bla sold.

Chechi : Donnok saħħar!

(Bepi : (Joħroġ il-portafoll mill-but) Mhux biex noqgħod nippridkalek, imma, jidhirli li qiegħed tabbuża wisq minn bwiet missierek. Ma nistax nifhem fiex qiegħed tonfoq dawn il-flus kollha. Għandek kollox imħallas. Il-ħajjat, l-iskarpan, l-istudji...kollox gratis.

Chechi : U għedtli li ma tridx toqgħod tippridkali?

Bepi : Dak, il-kelma jġġib hekk. Mitejn lira fix-xahar għall-kapricci, ma jidhirlekx li huma wisq? B'ħamsin lira għandek tgħaddi tajjeb.

Chechi : Għallanqas, agħtini mija, inkunu qsamna d-differenza.

Bepi : (Jitlgħulu) Imma, int, lili, min qiegħed taħsibni? Jaqaw, qiegħed taħsibni Rostchild?

Chechi : U int, tagħtinix...Jien ma tlabtek xejn.

Bepi : Ma tlabtnix bil-kliem, imma b'wiccek tlabtni xorta waħda. Int taf li ma nħobbx narak bil-geddum.

(Jagħtieh il-flus)

Chechi : Grazzi.

Bepi : (Jitbissem) Wara kollox, int għandek raġun. Jien ma ġibtekx fid-dinja biex narak tbagħti. Qiegħed ngħid sew? Għalija, basta narak iżżomm id-dekor tiegħek...tgħix ta' raġel onest. Billi tiddeverti ma fiha xejn...Int għadek żagħżugħ....Isma', ma nagħtux każ li qbadt il-vizzju tal-logħob?

Chechi : Anqas biss naf inżomm il-karti f'idejja.

Bepi : Bravu! Jien sejjer nilbes...sejjer nizzejjen...Il-lejla għat-teatru. Int, ġej magħna?

Chechi : Għandi ħila niġi.

Bepi : Għandna palk sekond'ordni, numru għoxrin, jaħbat fuq in-naħa tal-lemin. Chechi, mur kul xi ħaġa... Għandek bicca koxxa tal-ħaruf...iġġiagħlek tilgħaq xofftejk. (Joħroġ mit-tieni bieb ta' fuq ix-X.)

Pina : (Minn ġewwa) Għandek bżonn xi ħaġ'oħra?

Mad. : (Minn ġewwa) Le, xejn, grazzi.

XXXX : (Pina toħroġ bla ma tħares lejn Chechi u tibqa' sejra għal fuq il-bieb ta' fuq il-L.)

Chechi : (B'leħen baxx) Pina!

Pina : (Tieqaf) X'inqala'?

Chechi : Pina, x'se' tgħidli?

Pina : (B'leħen għoli) Le!

Chechi : Tgħajjatx!

Pina : Għalxejn tinsisti.

Chechi : Nitolbok, Pina...għarkobbtejja.

Pina : Le!

Chechi : Din hija ostinazzjoni tiegħek...ostinazzjoni bla sens... Ismagħni, Pina....Jiena irranġajt kollox...Ħadd ma jkun jaf xejn...ħadd ma jintebaħ.

Pina : Ma jimpurtanix!

Chechi : Imma, jien... jien ma rridx li ommi u missieri jsiru jafu...Qiegħda tifhimni? Wara kollox, dan irrid nagħmlu għalik ukoll.

Pina : Dan, kellek taraħ qabel.

Chechi : Iskot!...Jaqaw trid li jisimgħuk?

Pina : Ma jimpurtanix....Għandi bżonn inserraħ qalbi...Irrid nisvoga...Lilek qatt ma nista' nkellmek bil-liberta'.

(Minn fuq il-bieb tal-L. jitfaċċa Bepi liebes il-qmis)

Bepi : Pina, agħmilli pjaċir aqfilli dil-buttuna. (Lil Chechi) Ma mortx tiekol xi ħaġa?

Chechi : Sejjer,issa.

Bepi : Kollox għandek lest fuq il-mejda.

Chechi : Ċjaw, papa'. (Joħroġ mill-ewwel bieb ta' fuq il-L.)

Bepi : (Jipprova jaqfel l-għonq tal-kawxu) X'kastig!... Aħqas b'xejn ma jrid jinqafel!

Pina : Ersaq 'l hawn! Oqgħod bil-qiegħda!

Bepi : (Joqgħod bil-qiegħda) Attenta li ma toqrosnix.

Pina : Halli f'idejja.

Bepi : (Waqt li qiegħda tipprova taqfillu l-għonq, jidħaq u jitgħawweġ) Għalxejn, ma jinqafilx...Inħoss demmi tiela għal rasi!

Pina : Ticcaqlaqc! Hekku, qfiltulek!

Bepi : F'ħajjietek....Grazzi.... Pina, jaqaw, kont qiegħda tibki?

Pina : Safejn naf jien, ma kontx.

Bepi : Kif, le? Għad għandek għajnejk ħomor nar.

Pina : Ftit ilu lqatthom bis-sarvetta.

Bepi : Kollox jista' jkun, imma minn ftit taż-żmien 'l hawn, m'għadekx li kont.... Qabel, kont dejjem ferrieħa, daħqana...kont il-ħin kollu tkanta...Kont qisek għażżiela, taqbeż minn-naħa għall-oħra...Int kont l-Hena ppersonifikata....Il-lum, nistħajjlek xi Madonna minn dawk li joħorġu fil-Ġimgħa l-kbira. Għidli, Pina, jaqaw kellek xi tgħid ma' xi ħadd? Kellek xi tgħid mal-mara? Jekk qaltlek xi kelma iebsa, tagħtix każ...dik il-kelma insieħa...dak, karattru tagħha. Ma tarahiex kemm tgħajjat miegħi? Tiftaħ ħalqha u tarmi l-ispirtu...Mill-bqija, taf li tħobbok... Isa, isa, Pina, tajjar dawn il-buri minn fuqek...Tibżax, meta jasal il-waqt, insibulek tifel sewwa lilek ukoll.

(Tinstama' l-qampiena)

Mur ara min ġie, jien ser niskarta. (Joħroġ mill-ewwel bieb ta' fuq il-L.) (Pina tmur tiftaħ)

~~(Wara pawsa, tidħol Maddalena, Pina, imbagħad Anzolo u Bepi)~~

(Maddalena tidħol mill-ewwel bieb ta' fuq ix-X., waqt li Pina titfaċċa mill-faccata)

Mad. : Jekk wasal il-Konti għidlu li dal-waqt ġejjin. (Toħroġ mit-tieni bieb ta' fuq ix-X.)

Pina : Tajjeb, sinjura. (Toħroġ mill-faccata. Minnufih minn ġewwa)
Għaddi, għaddi, Sur Anzolo.

(Anzolo jidħol mill-faccata segwit minn Pina)

Anzolo: Kulhadd tajjeb?

Pina : Kulhadd, grazzi. Int kif int?

Anzolo: Qawwi u shih. Bepi, hawn qieghed?

Pina : Iva, qieghed ġewwa. Tridni nsejjahlu?

Anzolo: Jekk m'ghandux x'jaghmel.

Pina : (Tersaq lejn it-tieni bieb ta' fuq il-L.)

Sinjur, hawn is-Sur Anzoleto.

Bepi : (Minn ġewwa) Anzoleto? (Johroġ waqt li qieghed jilbes il-ġlekk)

Oh!...is-sbejjah Anzoleto tieghi!

Anzolo: Haddanni mieghek!

Bepi : Mhux darba, imma.... (Jghanqu lil xulxin) Kif int?

Anzolo: M'iniex hażin... u int?

Bepi : Ghadna nghoddu mal-hajjin.

Anzolo: Taf xejn li int qatt ma tixjieh? (Jaghtih daqqa bil-mod fuq żaqqu)

Bepi : (Jaghmel bhalu) Żaqqi tmissilix...

Anzolo: Temmen li meta niltaqghu, inhossni hieni?

Bepi : Jiena wkoll. Kieku ridt int, kieku ilna nahdmu hafna flimkien.

Anzolo: Ghaddew hamsa u tletin sena minn dak-in-nhar 'l hawn, anqas temmen.

Bepi : Qisu lbierah.

Anzolo: Eh!..Iż-żmien itir u jghaddi.

Bepi : Imma, l-hbiberija tibqa'.

Anzolo: U Nena, Lucieta u Chechi?

Bepi : (Imbissem) Imdejqin b'sahhithom.

Anzolo: (Waqt li jżkkghel b'Pina) U Pina? Pina tieghi, kif inhi?

Bepi : Tisbieh kuljum. Pina, illum, saret wahda minn tal-familja. (Lil Pina) Ferraghlu grokk minn dak li hemm taht il-bank.

Pina : Kif tordna, sinjur.

Bepi : (Lil Anzolo) Meta wasalt?

Anzolo: Xi saghtejn ilu. Mort il-lukanda, inhsielt daqxejn, kilt bukkun bis-serqa u ġejt niġri dritt 'l hawn.

Bepi : Bravu!

(Pina jġġib u tqieghed fuq il-mejda flixkun u żewġ tazzi u tohroġ)

Imbid!

Bepi : (Lil Anzolo) Intefa' ħemm bil-qiegħda. (jieħu postu ħdejn Anzolo u jferragħ ix-~~xxgħaxixx~~ xorb)

(Waqt li jgħolli t-tazza) Bis-saħħa tiegħek!

Anzolo : Tagħna t-tnejn! (Jixorbu)

Bepi : X'jidhirlek minn dan l-imbid?

Anzolo : Tajjeb! Proprju kif inħobbu jien...Inixxiflek ħalqek.

Bepi : (Waqt li jerġa' jimla t-tazzi) U fix-xogħol, kif aħna sejrin?

Anzolo : Bħall-issa, ma tantx aħna sejrin tajjeb.

Bepi : Dan, konna nistennewh. Mindu ivventaw dawk l-imberkin ta' makni, qerdu 'l kulħadd. Il-qamħ jiġbduh minn fuq il-bastiment qisohom qegħdin jixorbu xi bajda.

Anzolo : Insomma, iż-żmien ta' dari, spicca u ma jerġax jiġi. Ħsiebt u rajt li jekk int tikkuntenta, imbiegħ dawk il-braken u neħles minn kollox.

Bepi : Sibt, min jixtrihom?

Anzolo : Iva, sibt lil Temistocle.

Bepi : U kif ser iħallas?

Anzolo : Flus mal-kunsinna.

Bepi : Kemm offra?

Anzolo : Tmien mitt lira 'l wieħed. Dak kien l-aħħar prezz tiegħu.

Bepi : Tista' tbiegħ għall-affari tiegħek...Tak prezz tajjeb.

Anzolo : Kont naf li l-prezz sejjer jogħġbok, imma, ma ridtx nintrabat qabel ma ngħid lilek.

Bepi : Stajt intrabatt. Dak li tagħmel int benfatt. Aqtagħli kurżita', dawk il-braken, Temistocle, x'ser jagħmel bihom?

Anzolo : Ħa l-kuntratt tal-laħam....X'ishana qiegħed inħoss. (Waqt li jibda jinża l-ġlekk) Allura, kuntent?

Bepi : Iva, ġa għedtlek...Tista' tniegħ.

Anzolo : (Waqt li jqiegħed il-ġlekk fuq id-divan) Dal-ġlekk kien qiegħed joqtolni.

Bepi : Ixrob dik it-tazza imbid. (Jipprova jerġa' jferragħ imma l-flixkun jinsab vojt.)

Stenna ħalli mmur inġib ieħor. (Iqum, jersaq lejn il-kredenza, jiftaħ u jġib flixkun ieħor u jmur iferragħ)

(Jgħolli t-tazza mill-ġdid) Bis-saħħa tiegħek!

Anzolo : Ta' xulxin! (Jixorbu) Kif neħles mill-bejgħ, niġi noqgħod 'l hawn jien ukoll.

Bepi . M'hawn għalik.

Anzolo : Fil-għaxija nibdew niltaqgħu biex nilagħbu t-tre sett.

Bepi : Eh!...Lil dan issemmiehx...Dan, ipprojbit.

Anzolo: Għaliex?

Bepi : Nena, ma tridx tisma' biħ. Isma, sewwa għedt... Illum tassew li sħana.

(Jibda jwessa' l-għonq b'sebgħu)

Uff!.. reġgħet inħallitli l-buttuna.

Anzolo: X'għedtli fuq Nena? Ma tridekx tilgħab it-tre sett?

Bepi : Daqshekk hu...Tgħid li hu logħob baxx u li nies bħalna m'għandhomx jilagħbuh.

Anzolo: Isma, min hu r-raġel, int jew Nena?

Bepi : Ir-raġel, jien u ħadd iżjed.

Anzolo: Għax allura, jekk ser nibdew nindaħlu fit-tre sett, tibda tindaħallek x'tilbes ukoll.

Bepi : Wieħed jieħu paċenzja, ħabib, biex ma jaqlax kwistjonijiet. Issa, qegħdin nagħmluha ma' ħafna nies ta' klassi għolja, impjegati tal-Gvern...Ħafna minnhom, imseħbin f'ħafna għaqdiet tal-karita' u x'naf jien.... Ixrob, ixrob, ħabib.

Mad. : (Tidħol Maddalena minn fuq ix-X.) X'jien nara?

Bepi : Rajt x'qala' l-baħar, Nen? Il-ħabib tagħna, Anzoleto.

Anzolo: Kif int, sinjura Maddalena? (Iqum) Agħtini idek!

Mad. : (Imħawwda teħodlu b'idu) Tajba grazzi!...

Bepi : X'jidħirlek, Anzolo? X'lussu, eh? Kollox tal-ħarir...Tgħidx xi swietli dik il-libsa.

Mad. : Tkunx injurant! Għadek ma lbistx?

Bepi : Is-surtu' hawn qiegħed...Neħħejtu biex nagħmel kumpa~~n~~nija lil ħabib tiegħi. Trid tieħu grokk, ħabib?

Anzolo: Qatra waħda!...

Mad. : Lili tferragħlix!... (Irrabjata) Ħalli jixrob min hu bil-għatx....Int ġa xrbt biżżejjed. Fittex ilbes u tħallix min jistenniek.

Bepi : (Ftit fuq tiegħu) Ikkalma, Maddalena... (Idur fuq Anzoleto) Il-lejla, sejrin it-Teatru għall opra... Għandna palk sekon'ordni....erbgħin lira, barra middħul...Ideja sabiħa. Trid tiġi magħna?

Mad. : (Bejnha u bejn ruħha) Idjota!

Bepi : Nena ukoll tieħu gost jekk tiġi magħna, sewwa qiegħed ngħid, Nen?

Mad. : Iva. Biss, l-irġiel iridu jmorru libsin l-iswed.

Anzolo: Ix-xjafek, biex ma ġejtx liebes l-iswed.

Bepi : Iskot! Kollox nirranġaw, nisilfek surtu' jien.

Mad. : Tiegħek ma jiġiehx.

Bepi : U iva, jiġieh...forsi xi ftit issikkat...Ejja miegħi, ħabib.

Anzolo: Niftehmu, hekk niġi, minħabba fikom, biex nikkuntentakom.

Bepi : Sewwa qiegħed tgħid...Mhux hekk, Nen? Ixrob dik it-tazza imbid, ħabib.

Mad. : Imma, ma tarx li int ma tiflaħx tieqaf fuq riġlejk?

Bepi : Min? Jien? Jien, ma niflaħx fuq riġlejja? Tridx niżfinlek żifna fuq sieqi 'l waħda? (Jiżfen)

Mad. : Sur Anzolo, għidlu int biex ma jixrobx iżjed.

Anzolo : Martek qed tgħidlek sewwa...U int, kif sirt tixrob daqshekk?

Bepi : Iġġagħlnix nistħi! Kont int li qabbattni t-triq taxħxorb....Imxi miegħi, għandi libsa toqgħod pinġuta fuqek.

Anzolo : (Lil Maddalena) Ippermettili, sinjura... (Joħroġ ma' Bepi mit-tieni bieb ta' fuq il-L.)

Mad. : (Wara pawsa li fiha Maddalena tidher tippassiġġa, inkwieta)

Pina!

Pina : (Waqt li tidħol) X'għandek bżonn, sinjura?

Mad. : Għaliex ma ġejtx tgħidli li ġie dak ix-xifajk?

Pina : Sinjura....

Mad. : Aħqas li ma tafx li lil Bepi ma rridux jixrob.

Pina : Sinjura, hu ordnali biex innewwillu x-xorb.

Mad. : Kellek tiġi tgħid lili... Int, qatt ma titgħallem! ser nagħmlu figura sabiħa mal-Konti...Bepi ġa nofsu fis-sakra u l-ieħor..b'dawk il-manjeri ta' pastas.... Santa Maria, kif ser iwaqqgħuli wiċċi l-art...Int ma tagħmilx li ngħidlek.

Pina : (Tixxotta għajnejha)

Mad. : Qiegħda tibki? Allura, int, ħadd ma jista' ikellmek? Isa, isa, ma nitfissdux iżżejjed....

Pina : (Tidher li għadha tibki)

Mad. : Tkunx belgħa...Kemm sirt tnewwaħ malajr? Iskot kwieta.. Tinsiex, għada tagħlaq sninek...Aħna ma nsejnikx... xtrajnilek rigal sabiħ.

Pina : (Tħaddanha magħha) Oh!..Sinjura!...

Mad. : Hallini!.. ser tkemmixli l-libsa....

Pina : (B'leħen ftit għoli, kważi mbikki) Le, sinjura... Issa jżżejjed!...Int twajba wisq miegħi...dan ma jixtaqlix...Ma jistħoqqlix li nibqa' ngħix taħt dan is-saqaf tiegħek...Keċċini!...Ibagħtni 'l barra!....

Mad. : (Bħal waħda miblugħa) Imma....imma, xi ġralek? Għaliex għandi nkeċċik? Jaqaw, qiegħda tħoss moħħok? Wara kollox jekk Bepi għandu xi qatra żejda, imur jorqod u jgħaddilu.

Pina : Mhux għalhekk, sinjura...mhux għalhekk....

(Jidħol Chechi u l-oħrajn. Chechi jidħol minn fuq il-lemin, waqt li jisma l-aħħar kelmiet ta' Pina)

Mama'!....

Mad. : Huwa, int?

Chechi : Mama', agħmilli favur, ara ħallejtx il-labra u l-ingravata fil-kamra tal-papa'.

Mad. : Imma, rasek fejn hi...Dejjem tfittex... (Toħroġ minn fuq il-L.)

Chechi : (Minaccjus) Jaqaw, għedtilha xi ħaġa?

Pina : Le! M'għedtilha xejn!

Chechi : Ifhimni, Pina...Sallum, tlabtek bil-ħniena, imma, issa, inwissik għall-ġid tagħna t-tnejn...Jekk taħrablek xi kelma....Ġejja l-mama'.

Mad. : (Terġa' tidħol) Fil-kamra tal-papa' ma tidhirx... Aħjar tmur tfittixha f'kamartek. (Lil Pina) Mur għamel kikkra kafe' għas-sinjur... Tagħmilulux ħafif.

Pina : Jaqaw, mhux f'siktu.

Mad. : Hekk naraħ.

Pina : (Toħroġ)

(Tidħol Lucieta, liebsa l-abjad, skullata)

Lucieta : Jiena lesta...X'jidhrilkom?

Mad. : Pinġuta fuqek...Tassew tixraqlek.

~~P~~Chechi : Ma tistax tkun aħjar...Kif irrid ngħid...

Luc. : Kompli....

Chechi : Kompromettenti....

Luc. : X'jiġifieri?

Chechi : Dik l-iskullatura għal tfajla bħalek....

Luc. : (Tersaq aktar lejh) Qatt ma rajt skullaturi akbar minn din?

Chechi : Iva, rajt, imma, lili, ma tantx jogħġbuni.

Mad. : Qiegħed tiskrupla? Intom l-irġiel ma tridx tieħu għalikom.

Bepi : (Minn ġewwa) Ser ndum nistennieh? Għandu jkun għoġbok hemm ġew.

Anzolo : (Minn ġewwa) Għandu jkun tlieft it-triq...Tfixkilt.. Liema kuritur għandi naqbad....(Jidħol minn fuq il-L.) Stħajjiltni qisni qiegħed magħluq f'kaxxa...(Sorpriż) Chechi!.. Kif int? U int, Lucieta?

Chechi : X'miraklu!...

Luc. : Din, sorpriża sabiħa! ~~Tisbieh kuljum~~ Agħtini bewsa.

Anzolo : (Ibusha) Kemm int sabiħa...Tisbieh kuljum!...

Bepi : Għamilt sejba sabiħa...Tixbaħ perfettament lil missieħa u xi tgħidli għal Chechi? X'muskoli.... x'nervituri...x'ġenju!...Ftit jiem oħra, tisimgħu jiddebutta.

(Lil Maddalena)

Taf x'ridt ngħidlek? Jew jien qiegħed niħxien bis-

: sieghat jew l-ghenuq qeghdin ginxtorbuli...M'ghandix wiehed jigini suriet in-nies.

Lucieta (Lil Anzolo) Int ġej ukoll it-Teatru?

Anzolo: (Imbissem) Jekk tridni niġi.

Luc. : Jekk irridek tiġi? Anzi nixtieq li toqghod ħdejja.

Mad. : (Bejnha u bejn ruħha) Tifla demokratika...Aghar minn missiera.

Anzolo: Għidu ssew...Il-verita' rrid naf... M'inthomx tarawni ridikolu? (Jirranġa s-surtu' u l-ingravata)

Luc. : Min qalulek, dan? Stenna! Ejja nirranġalek l-ingravata. (Tirranġahielu) Hekk aħjar.

Mad. : (Lil Anzolo) Tieħu fastidju jekk nagħmillek twissija ckejkna?

Anzolo: Le, xejn affattu.

Mad. : It-Teatru ġej magħna l-Konti Filipo.

Anzolo: Iva? Nafu!

Mad. : (Sorpriża) Tafu?

Anzolo: Iva! Bniedem iddisprat, imma, fl-istess ħin, żagħżugħ bravu ħafna...Żmien ilu kont sliftu tliet-mitt-lira...Fil-ħlas, kien puntwal ukoll.

Mad. : (Ferħana) Oh!..Allura, hekk, ħaġ'oħra.

Bepi : U dal-Konti Filipo, x'jagħmel?

Anzolo: Sabiħa din! Ħabib tiegħek...dejjem hawn, jiġri ma' riġlejk u tistaqsini x'jagħmel.

Bepi : Sirna nafuh f'ballu...Qatt ma staqsejtu x'jagħmel.

Anzolo: Rappreżentant ta' Ditta serja ta' l-imbid u ż-żejt.

Bepi : Maddalena....allura t-titolu ta' Konti.....

Anzolo: Illum it-titoli ma jfissru xejn...L-aġir u x-xogħol tiegħu jagħmlu lil bniedem nobbli.

Bepi : Sewwa qiegħed tgħid...Ix-xogħol...(Lil Lucieta) Ej! Ej!...Hemm, x'ilbist???

Mad. : Il-moda ta' llum.

Bepi : Moda jew mhix...dak l-iskullar, lili, ma jogħġobnix.

Chechi: Dan, għedtulha jien ukoll.

Luc. : Imma, papa'....

Bepi : Tgħidli xejn....

Mad. : (Tersaq lejha, b'leħen baxx) Ibki ftit...

Bepi : Iva, nibki u għandi għaliex... (Lil Anzolo) Tiftakar? Fi ckunitna, t-tfajliet lanqas għnqhom ma kienu jikxfu u issa.... issa juruh sal-ħokka ta' l-istonku.

Mad. : Trid timxi maż-żmien... Illum, dik hija l-moda.

Bepi : Il-moda, nħalluha għal ħaddieħor...Lil binti...

Anzolo: (Lil Bepi) Ħabib, għidli ftit....

Bepi : (Ma jisimgħux) m'irridhiex.... (Jgħajjat)

Anzolo: Skużani, Bepi....

Bepi : M'irridhiex isservi ta' mudell...

Anzolo: (Jitlgħulu) Eh! Dan l-għajjat kollu...Ser twerwer lil kulħadd.

Mad. : Allura xi trid....

Bepi : Int, tindaħalx!... Ilħaq għastek!...

Anzolo: Dat-teatru ser jiswielkom inkwiet....Hemm bżonn dan l-għajjat kollu? Ma tafx titkellem bil-mod? (Lil Luc) Ifhimni binti, certu lbies ma jgħoddx għalik...Itfa' fuqek xi xalla tal-ħarir jew tal-bizzilla....

Mad. : Hekk jirraġunaw in-nies...

Luc. : Tajjeb....Issa nilbes kappa tal-bizzilla.

Bepi : Ilbes li trid....basta tinsatar.

(Tinstama' l-qampiena tal-biex ta' barra)

Mad. : Sgur ġie l-Konti...Ħaffef, Lucieta, ħaffef.

Lucieta (toħroġ tiġri mill-ewwel bieb ta' fuq ix-X.)

Pina : (Tidħol minn fuq il-L. b'tazza kafe li tnewwilha lil Maddalena)

Mad. : (Waqt li tieħu t-tazza, lil Pina) Mur iftaħ. (Toffri t-tazza lil Bepi)

Bepi : Għalija? Jien, ma rridx kafe'.

Mad. : Ixorbu jagħmillek tajjeb.

Bepi : Le, grazzi, ma rridx kafe.

Anzolo: U issa ħudu la ġibitulek.

Bepi : Int, ser tindaħal ukoll? (Jieħu t-tazza)

(Jidħol Filipo mill-faccata)

Filipo: Nista' ngħaddi?

Mad. : Għaddi, għaddi, Sur Konti.

Bepi : Doqqu l-qniepen.

Filipo: Għandek raġun...Ili ma niġi ftit.

Mad. : Jaqaw, Sur Konti?

Filipo: Nitolbok li l-Kontea nħalluha fil-ġenb.

Anzolo: Għandek raġun.

Filipo: Int, hawn ukoll? Qiegħed nieħu gost li qed narak.

Anzolo: Jien ukoll. (Jippreżentalu idu)

Mad. : (Tagħmel bħal Anzolo) Kif int?

Filipo: Tajjeb, grazzi. (Jeħdilhom b'idejhom it-tnejn)

(Tidħol Lucieta minn fuq ix-X. Fuq spallejha, issa, għandha xalla tal-bizzilla.)

(Lil Bepi)

Lucieta: Tajjeb issa, Mastru Gemgem? Ara s-Sur Filipo.

Filipo : Kif int, sinjorina?

Lucieta: Tajba, grazzi. Int tajjeb?

Filipo : Tajjeb, tajjeb, grazzi. (Jieħdu b'idejn xulxin)

Bepi : Uliedi, t-tmienja daqqu.

Mad. : Immorru. Sur Konti, tista' taqbad lil binti labranzetta.

Bepi : Immorru.

Pina : (B'leħen baxx, lil Chechi) Tmurx għall-issa.

Chechi : (Bl-istess leħen, baxx) Tajjeb. (B'leħen għoli) Morru, issa niltaqa' magħkom it-Teatru.

(Isellem lil Filipo u lil Anzolo u joħroġ mit-tieni ta' fuq il-lemin.)

Bepi : (Lil Anzolo) U int, Anzoleta, tista' ~~tagħti~~ toffri driegħek lix-xwejħa tiegħi.

(Filipo joffri driegħu lil Lucieta, waqt li Anzolo, lil Maddalena.)

Anzolo : Bil-qalb kollha! Hekku!...

Mad. : Grazzi.

Bepi : (Lil Pina) Jiġi min jiġi, tiftaħ lil ħadd. Itfi d-dwal u mur orqod.)

(Jaqbad lil Anzolo mid-denb tas-surtu') Anzoleto? Taf x'qiegħed nisthajjlek b'das-surtu'?

Anzolo : Jaqaw?

Bepi : Farfett il-lejl.

Anzolo : Jekk tgħidli hekk....

Mad : (Lil Bepi) Stupidu!

Bepi : U int, ħadd ma jista' jiccajta bik!

SIPARJU ĦAFIF.

TIENI ATT.

(L-istess xena ta' l-ewwel Att. Pina tidher qiegħda tfarfar il-kredenza u kultant tidher tieqaf, tixxotta għajnejha Qiegħda tibki)

Mad. : (Minn ġewwa) Pina?

Pina : (tipprova timxi lejn il-bieb, imbagħad tieqaf.)

Mad. : Pina? (Waqt li titfacca minn fuq il-bieb tax-X.)

Tista' tgħidli għaliex ma tweġibnix? X'int tagħmel?

Pina : (Arroganti) M'intix tara?

Mad. : Jaqaw, mort għall-laħam?

Pina : Jien, ma nistax nagħmel kollox f'daqqa. Irrid inlesti l-kafe bil-ħalib għal kulħadd, niknes, nagħmel is-sodod...m'għandix mitt idejn.

Mad. : Isma ftit, x'arroganza.

Pina : Jiena tad-demm u l-laħam bħalkom!

Mad. : Ara, naqtugħa u toqgħodx tirrispondi...Erħi minn idejk u mur ixtri.

Pina : (Titfa' l-bicca tat-tfarfir fuq siġġu) Din, ħajja tal-klieb!

Mad. : Pin, jekk xbajt taf x'għandek tagħmel.

Pina : U sgur li naf.

Mad. : Tajjeb. Brava! Tisimgħek titkellem qisek qiegħda tagħmilha mat-tiranni...Tassew tifla li taf tara l-ġid li jagħmillek dak li jkun...Aħna tassew jimmeritana kliem bħal dan...Darrejnik ħażin ħafna... fissidnik...żegħilna bik iżżejjed.

Pina : (Kommossa) Sinjura Maddalena!... Il-bicca ħobż li qegħdin tagħtuni, qiegħda naħdem għaliha...qed naħdem iżjed milli jmissni.

Mad. : (Mgħaddba) Isma' ftit x'wicc tost! Bicca ħobż qegħdin nitimgħha....Jaqaw ma ndwqukx minn dak li ikollna?

Pina : Bejnha u bejn ruħha) Fejn taf! (B'leħen għoli) Int dejjem għandek raġun...Ara, aħjar immur.

Mad. : Iva, aħjar tmur u oqgħod attenta li l-bajd ikun frisk...L-aħħar li xtrajt tawk tnejn ħżiena. Haffef u ddumx.

Pina : Bla ma taraha, titfalha bewsa b'idejha u toħroġ mill-bieb tan-nofs.)

Mad. : (tmur tinxteħet bil-qiegħda, mgħaddba, kważi imriegħda. Tidħol Lucieta minn fuq ix-X.)

Lucieta: Ma' min kont qiegħda tiġġieled?

Mad. : Ma' Pina. Minn xi ftit 'l hawn, saret qisha demonju. Ma tistax tkellimha li ma tfurx għalik.

Lucieta: Mama', ngħiduha kif inhi...Int tridha tilħaq ma' kollox.

Mad. : Imma, intom, lili, tarawni b'idi fuq żaqqi? Jien, naħdem iżjed minnha u jien m'iniex daqsha...ħdejha, jiena xieħa.

Luc. : Wieħed irid jagħraf imur magħha.

Mad. : Allura, biex inkellmuha noqgħodu għarkobbtejna.

Luc. : Mama', Pina mhix seftura bħall-oħrajn.

Mad. : Dan, min qalulek? Anzi..... ara, aħjar ma nissoktawx.

Luc. : (B'leħen kalm) Mama'....

Mad. : Kemm ġejja bit-tul...aqlagħha!

Luc. : Xtaqt ngħidlek ħaġa ckejkna.

Mad. : Jaqaw, xi trid tgħidli?

Luc. : Nibża' ngħidlek.....

Mad. : Għaliex?

Luc. : Għax int malajr taqbad tgħajjat.

Mad. : M'iniexś ser ngħajjat....Tkellem... Tħallinix iżjed bil-kurżita'.

Luc. : Is-Sur Filipo....

Mad. : Il-Konti? Kompli!

Luc. : Mama'....

Mad. : (Timitaha) Mama'!...Mama'!...

Luc. : Qalli...

Mad. : X'qallek?

Luc. : Qalli...li jħobbni.

Mad. : Qallek li jħobbok?

Luc. : Le!... Kitibli.

Mad. : (Serja) U int, weġibtu?

Luc. : Le!.. Qabel irrid nara x'sejrin tgħidu intom.

Mad. : (Aktar kalma) Ngħid għalija....

Luc. : (Taqtagħlha kliemha) Kuntenta? Nirringrazzjak, mama'.

Mad. : Li ngħid 'iva' jien biss ma jgħoddx. Hemm ukoll il-papa'.

Luc. : (B'malizzja) U taħseb li jiena u int flimkien ma nipperswaduħx?

Mad. : Tifla stuża!.. (Tbusha) U l-Konti, x'kitiblek sabiħ?

Luc. : Trid taf x'kitibli?

Mad. : Iva! (Toqgħod bil-qiegħda ħdejn it-tavolin)

Luc. : (Toħroġ ittra mill-but u taqra:)

: "Sinjorina,

Hija haġa mpossibbli li int ma ntbahtx li jiena nhobbok....

Mad: Bravu! Dan, bsartu!

Luc: "Jekk s'issa għadni qatt m'urejtek b'imhabbti, kien għaliex sthajt minnek... għaliex hassejt li ma jixraqlekx li neżfa' għajnejja lejk....

Mad: Kemm hu ibleh!...

Luc. "B'dankollu, billi jiena rappreżentant ta' ditti serji u qiegħed ingawdi stima kbira, naf li fi ftit żmien iehor nkolli pożizzjoni tajba....

Mad. Dan, m'għandix dubju minnu.

Luc. "Dan, ġagħlni nagħmel kuraġġ li nitolbok imhabbtek mingħajr u mingħajr misthija....Qalbi ma felhitx iżżomm aktar siekta.

Mad. Kemm jaf jesprimi ruhu.

Luc. "Sinjorina, tixtieq, int, li nkunu ta' xulxin? Int xebba sabiha u mżejna bid-doni kollha u għalhekk int tinsab f'qagħda li ssib żagħżugh għani aktar minnek....

Mad. Le!..Dan mhux possibbli.

Luc. "Imma, mhux li jkun ihobbok daqsi. Jekk int, b'xi mod, turini li int lesta tilqa' mhabbti, jiena nkellem lil papa' tiegħek. Imriegħed u mbażża', nistenna t-tweġiba tiegħek,

Tiegħek,

Filipo Brazolin."

Mad. It-titolu, wara ismu, ma kitbux?

Luc. Le, Mama'.

Mad. Għamel hażin. La għandu titolu, imissu jniżżlu.

Luc. X'iniżżel, mama?

Mad. It-titolu.

Luc. Mhux xorta wahda?

Mad. Xorta tahseb int. Tahseb li kieku ma kienx konti, kont sejra nhallik titgħarras spjantat bhal dak?

Luc. (Tlumha) Mama'!

Mad. Kontessa!... Il-Kontessa Brazolin! X'isem sabih!

Luc. Allura, mama'? Tagħtihulna l-kunsens tiegħek?

Mad. Insejt x'qal Anzoleto? Il-Konti huwa persuna li tist-hoqqlu kull-fiducja. U int, xi tgħidli? Thobbu?

Luc. Għandi grazzja miegħu.

Mad. U sadattant, jien, ma ntbaht b'xejn. U kemm kumplimenti jagħmilli. Sinjura Maddalena tiela u sinjura Maddalena nieżla. Żagħżugh makakk. Dik l-ittra, meta bagħtielek?

Luc. Ilbierah fil-għazija, waqt li kien sejjer.

(Jidhol Bepi mill-faccata)

Bepi : Jien, ma nistax nifhem.... Assolutament ma nistax nifhem.

Luc. : Il papa', hawn, Mama'...Għidlu...titlifx żmien.

Mad. : Ħalli f'idejja.

Luc. : (Lil Bepi) Dal-waqt niġi, papa'... (Toħroġ minn fuq ix-X.)

Bepi : (Iħares lejha, ħosbien) Ciaw. (lil Maddalena) Fil-kantuniera ltqajt ma' Pina. Dik ix-xebba ma nafx xi ġralha.

Mad. : Saret qisha xitan.

Bepi : Kif ilmaħtha, ftakart li nsejt nixtri s-sigarri. Waqqaftha u għedtilha biex meta tkun ġejja lura, tgħaddi għand tat-tabakk u tixtrili erba' sigarri. Qisni tajtha xi daqqa ta' ħarta...Dik ħarsa kerha li tagħtni.

Mad. : Jaqaw, irrispondietek ħażin ukoll?

Bepi : U kif ukoll! Qaltli,"ma tistax tmur tixtriħom int? Moħħ is-sigarri tiegħek, għandi." Bqajt inħares lejha qisni miħlugħ.

Mad. : Minn dal-għodu 'l hawn, erba' darbiet irrispondiet ħażin.

Bepi : Tirrispondi ħażin lilek, pacenzja, imma, lili....

Mad. : (B'għajnejha mberqin) X'jiġifieri?

Bepi : Għax lilek ma tikkuntentak qatt.

Mad. : Kliem sabiħ ħafna... Tittrattaha tajjeb lil martek.

Bepi : Jiena naf x'ġara... Naturalment tellajthomlha sa mneħirha u issa tinsab irrabjata.

Mad. : Ara, ejja naqtugħa. Wara kollox, din mhix xi tifla tagħna.

Bepi : Maddalena, anqas bic-cajt ma rridek tgħid kliem bħal dan. Meta mietet ommha, li kienet l-akbar ħabiba tiegħek, biex ma narawx lil Pina magħluqa f'x-Istitut, ħadniha u rabbejniha aħna...Dan, aħna, m'għamilnieħx biex isservina ta' seftura.

Mad. : Min qalulek, dan? Mhux dejjem ittrattajniha bħala waħda minn ta' ġewwa? Bħal waħda minn uliedna? Mhux dejjem kielet magħna fuq il-mejda? Mhux dejjem libbisniha decenti u mill-aħjar li stajna?

Bepi : U hi, minn-naħa l-oħra, mhux dejjem irrispettatna?

Mad. : Sewwa qiegħed tgħid u għalhekk, issa, ma niflaħx noqgħod għal għardir tagħha.

Bepi : Maddalena!...

Mad. : X'ġara?

Bepi : Qed jgħaddili ħsieb minn rasi.... Jista' jagħti l-każ...

(Jagħmel sinjal b'idu)

Mad. : Għadni ma fhimt xejn.

Bepi : Irrid ngħid, forsi xi ħadd tilfilha rasha....

Mad. : (Tidħaq) Tilfilha rasha? Bniedem bla ras!

Bepi : Ma nafx biex qiegħda tidħaq...Pina mhix tifla li tarmiha kif qiegħda taħseb int.

Mad. : U d-daħħaqnix! Jekk Pina, dejjem hawnġew?

Bepi. : Ma tibagħthiex tixri? Ma tistax tiltaqa' ma' xi ħadd matul it-triq? Ma jkunx hemm il-lavrant fil-ħanut tal-laħam? Jew f'dak tal-Merca? Setgħu qalulha xi kelma f'widnejha...Xi kelma ta' mħabba....Wicc ta' klieb, dawk iż-żagħżagħ ma jistgħux jaraw xebba.

Mad. : Sewwa qiegħed tgħid...Niftakar meta kont għadni żgħira, hekk kienu jagħmluli.

Bepi : (Sorpriż) Lilek ukoll kienu jimbxuk?

Mad. : X'imdaqqiet, kienu jwaqqgħuli wicci l-art.

Bepi : Mela, x'kienu jgħidulek?

Mad. : Ma nistax ngħidlek.

Bepi : Wicc ta' klieb!.. Intant, biex neħilsu mir-responsabbil ta' tagħna, taf x'għandna nagħmlu? Ibagħtha tixtri mill-inqas. Jien, issa, kif terġa' lura, intiha ħasla kif jixirqilha...Isma, lil Anzoleto rajtu xejn?

Mad. : Le, imma, wegħdni li għal kolazzjon għandu jiġi.

Bepi : Kellu bżonn ma jdumx. Ma rridx nasal il-Qorti tard. Din ser tkun l-ewwel difiża tiegħu.

Mad. : Għandek raġun...Nixtieq niġi jien ukoll....Il-maħbub Chechi tagħna...Nittama li jagħmlilna unur fil-familja... X'Taħseb int? Inħoss demmi jiksaħ meta niftakar li jrid jitkellem quddiem dawk in-nies kollha...Imħallfin, avukati, pulizija, pubbliku....

Bepi : Kollha nies ta' l-affari tagħhom. Imma, int, għandek xi dubju mill-ħila tiegħu? Le, le, jiena sgur minnu. Għamilt ħafna sagrificcji għalih. Taf li kelli nagħti lill-familja ta' l-imputata s-somma ta' tliet mitt lira biex iqabbdu lil Chechi bħala avukat difensur? Jien, minn dejjem hekk għedt...Biex fid-dinja timxi 'l quddiem trid ixxaħħam u jkollok ftit tal-ħażen. B'xorti tajba, t-tifel tagħna, mhux nieqes mit-talent.. Dwar il-flus, jagħmel tajjeb missieru.

Mad. : Nixtieq ma nafx x'nagħmel u nara lil Chechi jeħles lil dik il-mara.

Bepi : Jiena wkoll. Nifthemu, nixtieq naraha ħielsa għaliex,ser jiddefendiha ibni, kieku kienet ser taħdem b'avukat ieħor, kont ngħidlek li jisthoqqilha tmur għoxrin sena jew għomorha. Xi stonku!... Kellha l-ħila toqtol lit-tarbija li ġiebet fid-dinja hekk kif fetħet għajnejha għall-ewwel darba.

Mad. : Il-ħabs mhu xejn...Dak ward u żgħar....Il-ħabs... imma, ħallina minn dan....Smajtha l-aħbar il ġdida? Il-Konti Filipo....

Bepi : Jaqaw? Mar il-ħabs dan ukoll?

Mad. : U le, fejn mort b'rasek?

Bepi : Allura, skużani.

Mad. : Il-Konti kiteb ittra sabiħa lil Lucieta tagħna.

Bepi : (Sorpriż) Sabiha! Kitbilha, ghedt? U ghalfejn kitbilha?

Mad. : Ghalfejn tridu jiktbilha, x'kull-wahda...Biex jghidilha li jhobbha.

Bepi : (Mitluf, b'lehen gholi) Bniedem....! Jaghmel dikjarazzjoni ta' mhabba lil binti?

Mad. : Jaqaw, ippretendejt li jaghmilha lilek?

Bepi : U dik il-hanxula, laqghetha din l-imhabba?

Mad. : Isma, ara kif titkellem fuq binti.

Bepi : Jaqaw din, mhix binti wkoll? Dikjarazzjoni ta' mhabba....

Mad. : Trid tisma' x'ittra kitbilha....Kliemu jhollok... iġaghlek tahseb li ma jiflahx isofri jżjed...jidher mitluf...miġnun....

Bepi : Nahseb li jien sejjer inġennu!.... Bniedem iddisprat.. bla sold... m'ghandux habba fuqhiex jahlef.

Mad. : U meta jżżewwiġt int, kellek?

Bepi : Kelli daqshekk....Int, x'kellek? Lucieta ghandha d-dota taghha...Tista' ssib wiehed sinjur bhalha.

Mad. : U jekk din ma tkunx trid tisma'? Jekk inhi kuntenta billi ghandu....Jekk lill-Konti, thobbu?

Bepi : Thobbu minghajr il-kunsens tieghi?

Mad. : Tista' tghidli ghalfejn qieghed tgholli lehnek?

Bepi : Nghajjat kemm irrid...Hawn qieghed f'dari... Iva! Irrid nghajjat biex nistrieh.

Mad. : Ara, jkkalma ftit... ersaq 'l hawn halli nirraġunaw ftit. Int, lil Lucieta thobbha jew le?

Bepi : X'kull-wahda!..X'kull mistoqsija taghmilli...Int ma tafx li nhobbha?

Mad. : Jekk ma tridx taraha tibki jew tmut b'xi marda kerha...

Bepi : Ma rridx naf....

Mad. : Hallini nkompli, imbaghad tkellem int.

Bepi : Isa, naraw x'ghandek xi tghid.

Mad. : Il-Konti.....

Bepi : Issemmihulix lil dan.

Mad. : Imma, ahna mhux fuq dan qeghdin nithaddtu? Int m'ghandekx xi tghid fuqu, hux tassew?

Bepi : Ghaldaqshekk, le, m'ghandix.

Mad. : Tafu bhala ġentlom, hux tassew?

Bepi : Iva!

Mad. : Temmen li jhobbha lil Lucieta?

Bepi : U lil Lucieta min ma jhobbhiex? Ir-ritratt tieghek meta kont ghadek żghira.

Mad: : U allura, imbierek, jekk taf li huwa raġel onest... jekk taf li jħobbha...jekk taf li jista' jagħmilha mara ħienja, għaliex tibqa' twebbes rasek u tgħid le? Aħseb ftit, ras qara...Tgħid le biex tpaxxi lil dawk li għandhom għalina?

Bepi : Tfakkarnix!

Mad. : Lil dawk għad irrid narahom jaqraw l-aħbar ta' l-egħrusija fuq il-ġurnali, għaliex, m'għandniex x'ingħidu, aħna ma nonqsux li nxandruha: "Il-lum, Il-Konti Brazolin tgħarras lis-sinjorina Lucieta Carantan, oħt l-Avukat...."X'jidhirlek? Mhux reklam sabiħ?

Bepi : Iva!.. Aħjar inżiduha li tiġi oħt l-Avukat... X'ideja!

Mad. : Jien naf naħseb....allaħare ma kontx jien. Lucieta!

Bepi : X'sejra tagħmel?

Mad. : Miskina!...Ngħidilha li int kuntent ukoll...Kienet qed tibża' li int....

Bepi : Nista' naħseb! Taf li meta jitla għal rasi....

Mad. : EH!.. Jien biss irrid inkun għalik...B'kelma li ngħidlek, nikkalmak, nimmansak u nagħmlek qisek ħaruf.

Bepi : Ħaruf ckejken, ckejken, mingħajr qrun.

Mad. : Buffu l-int!... Lucieta!

(Tidħol Lucieta minn fuq ix-X.)

Luc. : Sejjaħtli, mama'?

Mad. : 'B'leħen solenni) Mur agħti bewsa lil missierek.

Luc. : Papa'!... (Tiġri lejh biex tgħanqu magħha)

Bepi : (Iwarrabha fil-ġenb, waqt li jidher kommoss)

Ladarba is-sinjorina.....

Mad. : Iskot, int!

Bepi : Niskot! Tifla li għadha ħalib ommha fi snienа....

Mad. : Tkunx fonqla!... Kollu għalxejn ngħidlek biex....

Bepi : Sejra żball Madalen...Mhux sejjer jirnexxilek tqegħdni kif trid.

(Ibus lil Lucieta li bħal issa tidher qiegħda iżżiegħel bih)

Binti, jiena,bħala missierek, m'hemmx dubju, kont nixtieqlek xi ħaġa aħjar, imma ladarba għandek grazzja miegħu u tridu, għallanqas, lill-ommok, stajt urejtha.

Luc. : Papa', jien ma kont naf xejn.

Mad. : Jekk ma kenitx taf, x'ridtha tagħmel?

Bepi : Allura, nżewwġuhom malajr għaliex it-tiben ħdejn innar malajr jaqbad u lanqas riġment pompieri ma jkunu biżżejjed biex jitfugħ...Nena, qiegħda tifhimni?

Mad. : Inżewwġuhom bla telf ta' żmien.

Bepi : Għallanqas did-darba ftehmna. Issa, sejjer imbiddel.

: Sejjer nilbes l-iswed biex immur il-Qorti....Tistgħu tlestuli l-kolazzjon.

Mad: Pina għadha ma ġietx. Ma jidhirlekx li din qiegħda tagħmel apposta?

Bepi: La tiġi, tkellimha xejn....Ħalliha f'idejja.

(Joħroġ mit-tieni bieb ta' fuq il-L.)

Mad. Kuntenta, issa?

Luc. Ħafna! Miskin il-papa' kemm hu qalbu tajba.

Mad. Qisu zokkra...Qisu bicca marżipan...Għandu l-ħażin tiegħu, imma, ibqa' sgura li lilek iħobbok iżjed minni.

(Lil Pina li titfacca fuq il-bieb tal-faccat

Wasalt fl-aħħar?

Pina: Jaqaw, ħsiebt li ħrabt?

Mad. Smajtha, xi tweġiba tagħtni? Lil missierek, ftit ilu, wkoll irrispondietu ħażin.

Pina: Ippretenda li mmur nixtrilu s-sigarri b'dan l-imbarazz f'idejja. (Turihom pakkett kbir li qed iżżomm bejn idejha)

Mad. (Teħdilha l-pakkett minn idejha) Ma tantx huwa tqil... Qiegħda tagħmel għaġeb għalxejn.

Pina: Irrid nara lilek terfgħu t-triq kollha.

Luc.: (Tlumha) Pina, għaliex qiegħda tirrispondiha hekk lil mama' għal kull-kelma li tgħidlek?

Pina: (Milquta) Aħfirli...imma.... (Aktar kalma) Għal kull-ħaġa ta' xejn qiegħda tgħajjat miegħi.

Mad : Mur!... Itlaq minn quddiemi!.. Is-sinjorina tiflaħ tarmaha l-mejda. (Toħroġ mill-ewwel bieb ta' fuq il-lemin, waqt:)

Jaqbel li mmur jien għax jekk nibqa' hawn....

Luc. (Wara pawsa) Lucieta, ippermettili ngħidlek li l-aġir tiegħek mal-mama' ma jogħġobni xejn. Ninsabu offisi ħafna. Jien ma nafx x'ġara f'salt wieħed. Jekk xi ħadd minna, il-papa', il-mama', Chechi jew jien, bla ma ridna għamilnilek xi ħaġa, allura tkellem...għidilna car u jekk għandna xi ħtija, lest biex nitolbuk taħfrilna.

Pina: Titolbuni naħfrilkom....Intom li kontu l-istess provvidenza... Tgħidulix, dan, sinjorina...Jien ma kellix żmien biex inħobb l-ommi, b'dankollu inħoss illi kieku lil din ma tlifthiex ma kontx inħobbha daqskemm inħobb lil mama' tiegħek. Tiftakar meta ħames snin ilu kelli fuqi dak id-deni...Kieku kienet familja oħra, kienet tibagħtni l-isptar...Il-papa' u l-mama' ma bagħtunix....żammewni hawn...Għadni nara lil mama' tiegħek ħdejn is-sodda tiegħi...Għadni nħoss idha fuq moħħi, iżżiegħel bija u tagħmilli kuraġġ...Lil papa' dieħel u ħiereġ fil-kamra tiegħi fuq ponot subgħajh, biex jittawwalli biex jara kif jien...Maria Santissima...Għaliex ma ħadtnix dak dakinhar?

Luc. (Kommossa, tbusha) Tixtieq tmut? U dan, għaliex? Int għadek żagħżugħa...Int għad trid tgawdi l-hena tal-ħajja... Jien qatt ma ddubitajt mir-rispett li għandek lejna u proprju għalhekk, għedtlek li ma nafx x'ġara f'salt wieħed. Għidli, Pina, x'inhu jġagħlek timxi magħna b'din il-majera?.... Imma, aħjar nieqfu hawn...aħjar ma nitkellmux iżjed fuq dan.

: Illum, irrid nagħtik aħbar sabiħa...aħbar li tiehu gost biha. Pina, ma tħossokx kurjuża li tkun taf liema hi din l-aħbar?

Pina : Iva!..La_darba qiegħda tgħidli li hija aħbar tajba.

Luc. : Aħbar tajba u sabiħa...Aktarx li llum stess sejra nitgħarras mal-Konti Brazolin.

Pina : Nawguralek minn qalbi, sinjorina...Nawguralek dak kollu li tixtieq qalbek.

Luc. : Pina, kont inkun iżjed ferħana, kieku lilek narak bħal qabel, ferrieħa, cajtiera u fuq tiegħek. Agħtini bewsa u ninsew kollox. (Ibusu lil xulxin) Tridni ngħinek tarma l-mejda?

Pina : Le, grazzi. Dal-waqt tkun lesta.

Luc. : Allura kif tlesti, sejjaħli. (Toħroġ minn fuq ix-X.)

Pina : (tintelaq bil-qiegħda fuq siġġu, tibki) Alla tiegħi, kemm jien iddisgrazzjata!

(Jidħol Chechi mill-faccata u jagħmel mossa tal dispett)

Chechi: Għadek tibki?

Pina : Chechi, emminni, ma niflaħx iżjed... emminni ....(Tqum)Ġ

Chechi: Dan, qiegħda tagħmlu apposta biex tgħallini.

Pina : U kif għandek il-wicc tgħiduli, dan?

Chechi: Kieku minflok qgħadt hawn tibki, smajt minni....

Pina : Kieku bħall-issa, l-kuxjenza qiegħda tisħetni...tixlini b'delitt.

Chechi: B'delitt!.. delitt....Qisek se tkun l-ewwel waħda li....

Pina : Chechi, tissoktax, nitolbok... dan għalija, kliem faħxi. Inħossok tkexkixni....Oqgħod attent, għaliex Alla huwa ġust u jista' jilħqek.... Attent, għaliex għad jasal jum u int jisobbik milli għamilt...Għamilt minni tifla ddisgrazzjata!

Chechi: Tkun iddisgrazzjata jekk tma tismax minni...Jekk ma jkollox fiducja fija...fija, li nħobbok...li nħobbok iżjed milli taħseb int.

Pina : Alla tiegħi!... Jista' jkun li int ma tħossokx titkexkex għall-aħsieb biss ta' dak li qiegħed tissuġġerili?

Chechi: Pina, ser ikolli nħallik...Sarli l-ħin għall-Qorti... M'irriex nisma' priedki...Int wegħdtni li sejra tħalli din id-dar...Jien ħliftlek li ma nabbandunakx għaliex inħobbok...Dan il-ġurament m'iniex sejjer niksru...Jien lest biex ma nħallikx taħdem.

Pina : Mingħandek ma rrid xejn...~~Sadanittant~~ La nitlaq minn hawn, lili, ma taranix iżjed.

Chechi: Imbagħad naraw...Sadanittant, minn dak in-nhar li għedtli li sejra titlaq, ġa għaddiet ġimgħa u għadek hawn.

Pina : Tibżax, tibżax... dal-waqt teħles minni...Biex ma ngiegħlhomx jissuspettaw ħażin, għidli xi skuża nibda ngib...Int qiegħed tara b'għajnejk...Qegħdin jgħidu li jien m'għadnix li kont...Li qiegħda nirrispondihom ... biex li qiegħda nagħmel minn kollox biexindejjaqhom...biex

: nitilfilkom l-pacenzja u nġiegħlkom tkeccuni 'l barra. S'issa, għad m'irnexxilix nagħmlu, dan. Int taf x'jien nsofri biex ma nikxifx is-sigriet ta' bejnietna...Lilek, inħobbok...f'ħajti, ma ħabbejtx ħlief lilek...Dan, li nixtieq ngħidilhom lil mama' u lil papa' tiegħek, imma, minflok dan, ikolli nagħmilha ta' tifla ngrata...ta' waħda bla qalb....Ikolli nġiegħlhom jaħsbu li hawn f'qalbi, m'għandi xejn, ebda sentiment, ebda rikonoxxenza għal dak li għamlu miegħi. X'jimporta jekk nisfa waħdi, abbandunat ta...li nbagħti l-ġuħ...Dan huwa li jbeżżagħni...li jkexkix ni li niesek jgħidu li ma kienx jistħoqqli dak li għamlu miegħi, meta jien pattejtulhom tant b'azzjonijiet ħżiena. (Tinfaqa' tibki)

CHECHI: (Li issa qiegħed juri li tilef il-pacenzja) Spiccajt?

Pina : Iva, spiccajt!..Tista' sserraħ rasek li ma jien sejra ngħidlek xejn iżjed... (Tersaq lejn it-tieqa)

Chechi: Issa jidhirli..... (

(Bepi jidħol minn fuq il-lemin)

Bepi : L-għodwa t-tajba, Chechi.

Chechi: Lilek ukoll, papa'

Bepi : Hsiebtek qiegħed il-Qorti.

Chechi: Sejjer issa.

Bepi : Int ġa tkellimt?

Chechi: Le!

Bepi : Kont moħħi fik.. (Lil Pina) Int, ersaq 'l hawn.

Pina : (B'arroganza) Xi trid?

Bepi : L-ewwelnett, int, irrispondi bħan-niex u mhux b'din l-arroganza kollha, imbagħad....

Pina : (Tagħtih dahrha u b'leħen iebes) Eh!..Miskin hu min twieled biex jaqdi.... (Tibda ħierġa mill-ewwel bieb ta' fuq il-L)

Bepi : Bhima! Rajtha x'tustaġni?

Chechi: Haqqkom iżjed minn hekk...Fissidtuha wisq.

Bepi : Imma, issa, jżżejjed! Issa, rrid nuriha kif għandha jġġib ruħha! (Ikun ser jitlaq għal warajha.)

Chechi: Ieqaf, papa'!...M'hemmx għalfejn tisħon daqshekk.

Bepi : Irrid ngħallimha ftit manjeri tajba...aktar ġentili.

Chechi: Iva!,, Hemm bżonn li tqiegħda flokha....Jew iżjed rispett u jġġib ruħha talli hi jew barra.

Bepi : Għandek raġun...Jew tagħraf tirrispetta jew.... Imma, stenna!.. Int qiegħed tiġġennen? Tridni nibagħtha 'l barra? Fejn sejjer b'rasek?

Chechi: Għalija, jekk trid, tista' tħalliha tagħtik bis-sieq

Bepi : Daqshekk, le... Jien twajjeb wisq, imma, fl-aħħar jasal l-aħħar.

Chechi: Int bħal klieb tat-tiben....Timbaħbla ma tigdem.

Bepi : Sewwa qiegħed tgħid, m'għandix ħila naħqar dubbiena. Chechi, m'ma tħossokx xi ftit eccitat?

Chechi: Fuqhiex?

Bepi : Fuq il-process. Ħien inħossni bl-istonku f'ħalqi.

Chechi: Iddaħħaqnix, papa'. (Jidħaq)

Bepi : Indaħqek?

Chechi: Id-difiża, meta tkun studjata tajjeb il-każ...meta tkun smajt il-ġuri kollu, bla ma trid tibda timproviża...

Bepi : Allura dal-ġuri huwa wieħd li timprovisaħ?

Chechi: Jidhirlek li..... (jidħaq)

Bepi : Il-bidu...il-biedu biss huwa iebes....

Chechi: (Iħares lejn l-arloġġ) Mhux aħjar tgħidilhom jagħtuni niekol bukkun malajr? Imqar żewġ bajdiet moqlija.. ftit marsala...Fis-siegħa rrid nibda id-difiża.

(Jidħlu Anzolo u l-Konti Filipo)

Anzolo: (Mill-faccata) Wasalna fil-ħin?

Bepi : Għaddu, għaddu, ħbieb.

Anzolo: Il-Kafe' iltqajt ma' Filipo u ġibtu miegħi...Għamilt sewwa jew le?

Bepi : Għamilt tajjeb ħafna. Lil das-sinjur, irrid inkellmu ftit serjament.

Filipo: (Imħawwad) Lili?

Bepi : (Jeħaq lejh) Iva, lilek, precisament. Ridt tagħtini sorpriża, hux tassew?

Anzolo: Sorpriża?

Filipo: Sur Ġuże'!...

Bepi : Int dilettant li tikteb ittri ta' mħabba....

Anzolo: Lil min?

Bepi : Mhux lili, sgur.

Filipo: Lili qiegħed tgħid?

Bepi : Iva! Int, qabel xejn, kien imissek taħseb li jien m'iniex qiegħed hawn għal xejn....Jien huwa l-missier u għalhekk, il-kap tad-dar, jekk m'iniex sejjer żball.

Filipo: Xtaqt inkun naf....

Bepi : Jekk laqgħetx l-ittra tiegħek, hux tassew?

Anzolo: Imma, għal min qegħdin tgħidu?

Bepi : Int, trux? Qegħdin ngħidu għal binti, Lucieta.

Anzolo: Jekk ma semmejtu ebda isem, kif triduni nkun naf għal min qegħdin tgħidu?

Filipo: (Jagħmel kuraġġ lilu nnifsu) Fl-opinjoni tiegħi, billi ktiebt ittra lis-sinjorina Lucieta ma nqastx mir-rispett li għandi lejk u lejn is-sinjura tiegħek. Kienet tkun ħaġa żejda li ngħid lilek qabel ma nkun

: sgur li bintek lesta tilqa' mħabbti.

Anzolo: Haġa loġika.

Bepi : Anzoletto, jekk jgħoġbok, int, ilħaq għastek.

Bepi : Jekk minn-naħa tagħha, hi mhix kuntenta li jien nitħallat mal-familja tagħkom, biżżejjed tgħidli kelma waħda...Maljar inneħħilkom l-inkomdu.

Bepi : M'hemmx għalfejn jitlagħlek daqshekk, qalb ta' qalbi...

Filipo: Mhux jitlagħli....

Bepi : Tagħtini kelmtek li int tħobbha?

Filipo: Bil-qalb kollha.

Bepi : Li int dan, ser tagħmlu mhux għadħdota tagħha, imma....

Chechi: Papa'!....

Filipo: (Offiż) Sinjur!...

Bepi : M'għandekx għalfejn toffendi ruħek...Din, mhix għajr osservazzjoni ckejkna...Illum, iż-żagħżagħ tagħna, aktar iħarsu lejn id-dotarju milli lejn ix-xebba.

Filipo: Dan, jien, ma nagħmlux.

Bepi : Allura, tant aħjar...Nistgħu nieħdu b'idejn xulxin u Alla l-imbierek....

Filipo: Allura, dan ifisser li int kuntent bija....

Bepi : Meħtieġ li nirripeti?

Filipo: (Jagħfaslu idejh bil-qalb) Grazzi, grazzi.

Anzolo: (Lil Bepi) Għandek l-approvazzjoni tiegħi wkoll.

Chechi: U tiegħi wkoll, papa'! (Jieħdi b'idejn Filipo)

Filipo: Kemm qiegħed inħossni ferħan....U s-sinjura Maddalena x'sejra tgħid?

Bepi : Maddalena? Oh!..Din tagħmel kif ngħid jien.

Chechi: U Lucieta? Fejn hi Lucieta?

Bepi : Naħseb li qiegħda f'kamritha.

Anzolo: (Jersaq fuq l-ewwel bieb tax-xelleug) Lucieta! Ejja ftit 'l hawn...Hawn xi ħadd jixtieq jarak.

(Tidħol Lucieta minn fuq ix-X.) Min irid jarani? Is-Sur Filipo? (Tieqaf)

Bepi : Ersaq, ersaq 'l hawn. Agħti każ li qiegħda twieġeb għal dik l-ittra li rcevejt.

Luc. : (Imħawwda) Papa'!....

Anzolo: Agħtih bewsa ħelwa...sabiħa...Dan ser isir bil-permess tagħna.

Bepi : (B'cajta) M'għandniex x'ingħidu, irid ikun kuntent huwa wkoll.

Filipo: (Jersaq lejha u ibusha fuq moħħa)

Bepi : (Kommoss) Fil-ħajja tiegħi, ma kelli xejn iżjed... xejn ħlief l-imħabba ta' uliedi...Meta lil dawn narahom

kuntenti, ma jkun jonqosni xejn... (Pawsa) Imma, aħna ser nieklu xi ħaġa jew le? Nittama li l-imħabba ma neħħitilkomx l-aptit.

Mad. : (Minn ġeww) Int, bniedma pastasa.

Pina : (Minn ġewwa) Issa xbajt...iva, xbajt!

Mad. : (Toħroġ mgħaddba minn fuq il-L.) Min jista' jistaportiha iżjed?

Bepi : (Skantat) Xi ġralek?

Mad. : M'għadnix jien is-sinjura....saret hi l-padruna.

Bepi : Għidli ftit....

Mad. : (Bla ma tagħti każ tiegħu) Issa, ħadt paenzja biżżejjed mis-sebgħa tiegħu l-id...Anqas jekk tkun nieżla mis-sema ma tistaportiha daqshekk.

Bepi : Imma, f'ġieħ kemm hemm...iġġiegħlnix niżbalja....

Mad. : Sejra ngħidielek ċara u tonda...Jiekk ma tibagħtiex int, il-bieb ta' barra nurihula jien.

Luc. : Mama'!...

Pina : (Tfeġġ fuq l-ewwel bieb tal-L.) M'hemmx għalfejn tisħon daqshekk....Il-bieb naf insibu waħdi.

Bepi : Nista' nkun naf x'ġara? X'inqala mill-ġdid?

Luc. : Pina?

Mad. : (Lil Anzolo) X'jidhirlek, eh? Wara li tista' tgħid ġbarniha mit-triq....

Anzolo: Ma nista' nifhem xejn!

Mad. : Imma, jien kollox f himt. Irrikonoxxenza għal dak li għamilna magħha.

Pina : Dak li għamiltu miegħi pattejtulkom għal elf darba.....

Mad. : Iskot! Li ma tqumx dik ir-ruħ twajba ta' ommok... X'aġir! Tkun l-ewwel waħda li tisħet egħmilek.

Pina : (Tisforza kemm tiflaħ biex iżżomm is-sigriet tagħha) Alla tiegħi!... Int biss tista' taf x'jiena nsofri! Kollu għalxejn....Ma nistgħux nissoktaw flimkien... M'aħniex naqblu iżjed.

Bepi : Allura dan ifisser li int xbajt taħdem magħna. Int trid tmur! Tajjeb! Hadd m'hu qiegħed iżommok.... Aħna agħmilna dak li stajna u iżjed milli stajna wkoll. Dmirna qdejnieh bir-reqqa...Issa, bistgħu naħslu idejna imma, dan, mhux minn qalbna sejrin nagħmluh...Dan, għalina huwa ta' sogħba kbira....għalxejn nuru ħaġa b'oħra....Ladarba, int, ma tridx taf....

Pina : (B'qalbha maqsuma) Jien?

Bepi : Dak huwa l-bieb!

Pina : Tidher li qiegħda tagħmel sforz biex tissokta tistor dak is-sigriet) AH!...Issa qiegħda nħossni nieħu n-nifs!...

Bepi : Ftit ieħor tkun taf x'jiġifieri...Qiegħdq tieħu n-nifs. Ja broxka!...

Anzolo : (Li kien qiegħed josserva lil Pina 'l ħin kollu)

Bepi!

Bepi : Qiegħed tara, Eħ? (Jersaq lejh)

Anzolo : (Bepi, osservaha tajjeb. (b'leħen baxx)

Mad. : (Lil Filipo li kienet qiegħda titħaddet miegħu waqt id-dijalogu bejn Pina u Bepi)

Kont nistmaha bħala binti! (Tkompli tkellmu waqt li Lucieta tersaq lejn Pina)

Bepi : Xi tridni nosserva?

Luc. : (Lil Pina) U għandek il-qalb tħallini?

(Anzolo ikellem lil Bepi f'widnejh )

B epi: (Sorpriż għal kollox) Eh?!

Anzolo Hu l-kelma tiegħi! ([illegible])

Pina : (li issa tbiegħdet minn Lucieta, lil Chechi)

Kuntent, issa?

Bepi : Ah!.. Ma jistax jkun!... Imma, kif??? Fejn??? Meta? Ma' min???!

<u>SIPARJU ĦAFIF</u>.

## TIELET ATT.

L?istess xena. Lucieta tidher qieghda taqra u Maddalena qieghda tittawwal mit-tieqa.

Lucieta: Tfaccaw?

Mad. : Le!

Luc. : Dal-ħin imissħom waslu.

Mad. : X'ħin hu?

Luc. : Daqqu l-ħamsa.

Mad. : (Tersaq lejha) Għandi jdejja kesħin silġ u tferfir hawn, (tmiss qalbha) f'qalbi. Ma nafx kif għandek sabar taqra.

Luc. : Qiegħda naqra biex naljena rasi. Taħseb li jien m'iniex ansjusa bħalek?

Mad. : (Terġa lura lejn it-tieqa) Mank laħaq wasal il-papa' forsi kien jgħidilna xi ħaġa.

Luc. : Naħseb li kellu jibqa' hemm sa l-aħħar.

Mad. : X'taħseb, int, Lucieta?

Luc. : Naħseb li riżiltat tajjeb ikollna.

Mad. : Wasal fl-aħħar!

Luc. : (Tqum) Min, Chechi?

Mad. : Le, il-papa'!

Luc. : (Tiġri biex tmur tiftaħ)

Mad. : Bir-rogħda li għandi fuqi, anqas biss niflaħ nieqaf.

Bepi : (Minn ġeww) Nena!..Nena!...

Mad. : Bepino!...

Bepi : (Mill-faccata, kważi nifsu maqtugħ) Sa fl-aħħar!...

(Jintefa' bil-qiegħda fuq id-divan)

Mad. : Kif mar?

Bepi : Success!.. Success kbir!

Luc. : Jien m'għedtlekx?

Mad. : (Taqa' bil-qiegħda ħdejn Bepi) Stenna!..Ħalli nieħu n-nifs...Alla tiegħi!H. x'eccitament għandi fuqi... għidli kollox, isa, fittex għidli kollox.

Bepi : Xtaqtek smajtu. Ma temminx li kien Chechi tagħna... x'leħen sod u sabiħ! Leħnu rieghed is-sala...kien qisu strument mużikali.

Mad. : (Kommossa) Chechi tagħna! Kompli...kompli għidli....

Bepi : Sewwasew kif... emmnuni, inħossha difficli biex niddeskrivilkom dik ix-xena. Chechi, kien ħafif fi kliemuq... Lill-ġurati rajthom b'għajnejja jixxuttaw id-dmugħ... Pulizija li kien jinsab ħdejja, smajtu jgħid: "Bravu, bravu tassew! Biżżejjed ngħidilkom li meta chechi temm id-difiża tiegħu, wicċu kien abjad daqs is-silġ...Kien eżawrit għaliex anke hu kien qiegħed iħoss qalbu magħfus

: Huwa ntelaq bil-qieghda u miegħu dawk kollha li kienu presenti...Iva, ġawn ukoll...kif temm kliemu qagħdu bil-qieghda, donnhom biex jieħdu n-nifs. L-avukati l-oħrajn li ma kellhom x'jaqsmu xejn, ukoll...Dawn, x'aktarx li kienu hemm biex jarawh jagħmel xi fjask. L-Imħallfin, il-pubbliku, l-ġurnalisti kollha ferħulu. Min jeħodlu b'idu minn hawn u min minn hemm...Il-ġenitur i ta' l-akkużata, inħallikom taħsbu x'ferħ ġarrbu f'dak il-waqt li ġiet mogħtija s-sentenza.... Huma bdew jgħanquh magħhom, bdew ibusuh, iberkuh, waqt li dik ix-xbejba disgrazzjata, kienet hemm qisha magħluqa ġewwa gaġġa, tibki u tolfoq...Ngħidilkom li kisret qalb kulħadd.

Mad. : U int?

Bepi : Jien bqajt bil-qieghda fuq is-siġġu li kelli, ingiddem l-ingwanti...(Juriha l-ingwanta tal-lemin) Kiltilha żewġ swaba.

Mad. : Jiġifieri, l-ħatja ġiet meħlusa.

Bepi : Iva!... Unanimament mhix ħatja.

Mad. : U Cheċhi, kif kien ma ġiex miegħek?

Bepi : Hu xtaq li jibqa' ġej miegħi, imma, ħbiebu ħaduh magħhom. Bilkemm laħaq ħadli b'idi...Dik l-għafsa ta' idejh, għadni nħossha s'issa...Biha ried ifisser: "Mur..mur għidilha lil mama'.

Mad. : Mill-ewwel ħaseb fija.....Għandi raġun inħobbu.

Bepi : Imbagħad, kien hemm wieħed, ma nafx min kien, smajtu jgħid: "Ara, dak huwa missier l-Avukat Difensur" allura, f'salt wieħed ġejt imdawwar bin-nies li ma kont rajthom qatt...Kulħadd beda jifraħli...Kollha kienu nies ta' l-affari tagħhom....kienu ġurnalisti, insomma kollha kienu nies ta' skola kbira, imbagħad, tafu kif spiccajna? Kelli neħodhom jixorbu miegħi.

Mad. : U int, xrobt ukoll?

Bepi : Qatra waħda...Ma ridtux jisturdini.

Mad. : Jiġifieri, issa, l-ġurnali sejrin jitkellmu fuqu.

Bepi : U kif...Dan, wegħduhuli, anzi ngħid issew, kien hemm xi ħadd u tlaqtlu karta ta' elf biex jagħmel artiklu kif imiss.

Mad. : Niżżi ħajr 'l Alla...Fuq l-istonku kelli bħal balla... Anzoleto kien miegħek ukoll?

Bepi : Iva u magħna kien hemm ukoll Filipo...Issa, marru jifirħu lil Chechi.

Mad. : Għandi seba'mitt sena biex narah...Jien irrid nifraħlu wkoll.

Luc. : Anke jien.

Bepi : Għandkom raġun...Jimmeritah u issa li dil-burraxka għaddiet, jeħtieġ li naħsbu f'ħaġ'oħra. Pina, fejn qiegħda?

Mad. : F'kamritha! Wara x-xenata ta' dal-għodu, ma rġajtx rajtha.

Bepi : X'inhi tagħmel?

Mad. : Qiegħda tħejji l-bagalja tagħha.

Bepi : Maddalena, Ma jistax jkun li nħalluha titlaq hekk malajr.

Mad. : Ħtija tagħna, ser isir, dan?

Luc. : Triduni nerġa' nipprova....

Bepi : (Minnufiħ) Le!... L-aktar jekk inhu veru.

Mad. : X'jiġifieri?

Bepi : Xejn, xejn.... (Lil Lucieta) Int, mur f'kamartek.

Luc. : Għaliex?

Bepi : Irrid inkellem lil Pina rasi u rasha.

Mad. : Nittama li ma toqgħodx tinżel għrkobbtejk quddiemha, titlobha biex tibqa' hawn.

Bepi : M'għandix bżonn tgħidli x'għandi nagħmel...Naf kif għandi nkellimha... (Lil Lucieta) Mur, għażiża tiegħi.

Luc. : La tridni mmur, immur...imma, ma nistax nifhimkom.

(Toħroġ mill-ewwel biex ta' fuq ix-X.)

Bepi : Aktar tard tifhem kollox. (Lil Maddalena) Mur għid lil Pina li rrid inkellimha...u m'hemmx diskors... ma nkabbruhiex iżżejjed.

Mad. : Donnu li ġara ħtija tiegħi.

Bepi : (Jgħajjat) Għedtlek għid lil Pina li rrid inkellimha.

Mad. : Bhima! (Tmur fuq it-tieni biex ta' fuq il-L.) Pina! Pina! ... Pina!....

Bepi : Semgħetek, semgħetek...Issa, mur... agħmilli pjacir mur int ukoll f'kamartek. (Jaqbadha minn driegħha)

Mad. : Ajma! Qiegħed tweġġagħni! Għandek idejk goffi!

Bepi : Hu pacenzja...aħfirli.

Mad. : Mostru! (Toħroġ irrabjata minn fuq ix-X.) Bniedem goff...Raħli!....

Bepi : Ilna miżżewwġin tletin sena u biex tifhimni trid tletin sena oħra. Pina!

Pina : (Tfeġġ fuq il-bieb) Xi trid?

Bepi : Ersaq 'l hawn... Mniex qiegħda tibża? Jaqaw, ser nieklok? Tassew li qiegħda tlesti biex tħallina? Trid tħalli din id-dar li sallum kienet dejjem darek? Isa, weġibni.

Pina : Xi tridni nwieġbek?

Bepi : Ħaġa waħda. Għaliex trid tħalli din id-dar?

Pina : Għaliex....għaliex ma nistax nissokta ngħix f'dil-ħajja.

Bepi : U hekk, f'salt wieħed ġara dan....Hekk għalgħarrieda ma tistax tibqa' tgħix hawn?

Pina : (Bi sforz) Hadt pacenzja aktar milli flaħt.

Bepi : Int, m'inthix tgħid il-verita'.

Pina : (Bi sforz kbir) Jien, qatt m'għedt kelma b'oħra.

Bepi : Bħall-issa, qiegħda tigdeb...X'għamlitlek marti, Lucieta u jien? Chechi, sġur li m'għamillek xejn...Dak jiġi dħdar biex jorqod u jerġa' jitlaq 'l barra. Nista' ngħidlek li kemm jien u kemm marti, qatt m'għamilna differenza bejnek u bejn uliedna...Qatt ma ordnajnilek tagħmel xi ħaġa bla ma użajna l-prudenza u l-edukazzjoni. Fil-facendi, safejn naf jien, marti, dejjem egħnitek, anzi, jekk għandek kuxjenza, taf li qatt ma ħallietek titħabat aktar milli tiflaħ....Allura?

Pina : Ikollok ħniena, Sur Bepi...Tkomplix iżjed.... Il-ħtija hija tiegħi...tiegħi waħdi jew biex ngħid aħjar...ħtija tan-natural ikreħ li għandi...Irridek tifhem li jiena sinciera....Minn dak in-nhar li ma bdejniex nifthemu, naf, kien kollu ħtija tiegħi...rajt li jkun aħjar jekk ninfirdu....Ma taħsibx bħali?

Bepi : U fejn beħsiebek tmur?

Pina : (Milquta) Fejn ser immur?

Bepi : Iva, fejn ser tmur?

Pina : Għadni ma nafx,,,, Nara nidħolx ma xi familja oħra.

Bepi : U jien, li s'issa kont qisni missierek, taħseb li sejjer inħallik tmur bla ma taf fejn sejra ddaħħal rasek?

Pina : (B'arroganza) Sur Bepi, fejn sejra m'għandi nagħti sodisfazzjon lil ħadd.

Bepi : Imma, lili, iva. Lili trid tagħtini sodisfazzjon aktar minn ħaddieħor...Dan hu obbligu tiegħek...obbligu lejn dawk li talbuni biex nieħu ħsiebek, imbagħad id-dmir lejn il-kuxjenza tiegħek. ~~Għadek// m'għadx ... aħna m'għadniex nifthemu~~ Għadek kemm għedtli li aħna m'għadniex nifthemu...Tajjeb....anzi, le, le, m'hu tajjeb xejn....Trid tidħol ma' familja oħra! S'hawn tajjeb ukoll, għalkemm ma nafx fejn tista' ssib aħjar minn hawn.. imma li jien, Bepi Carantan, inħallik tħalli dari qabel ma tkun sibt dil-familja famuża oħra, qabel ma nkun naf fejn ser tmur, dan le...nagħtik kelmti li dan ma nippermettiehx.

Pina : (Soda) Il-lum stess...Il-lum beħsiebni nitlaq!

Bepi : (B'leħen għoli) U jien ngħidlek li ma titlaqx!

Pina : U b'liema jedd iżżomni? Forsi jien xi waħda li niġi minnek? Jaqaw, jien bintek? Ebda qawwa umana mhi sejra żżomni f'darek kontra qalbi.

Bepi : U jekk jien inġiegħlek tibqa?

Pina : Naħliflek li naqbeż mit-tieqa.

Bepi : Oh!... (Pawsa. Imur jagħlaq il-bieb bic-cavetta l-ewwel bieb ta' fuq ix-X.)

Pina : (Imbażża) X'int tagħmel?

Bepi : (Jersaq lejha) Pina!.. Hares lejja!

Pina : Jien....

Bepi : Ħaġa stramba, it-theddid tiegħek ma nistax nifhmu. Taqbeż mit-tieqa! Imma, l-aktar ħaġa stramba huwa il-mibgħeda, l-odju li jidher li għandek għalina...

Pina : (Minnufih) Jien? Jien nobgħodkom?

Bepi : Li tippreferi taqbeż mit-tieqa milli tibqa' magħna... Dan, għedtu int stess.

Pina : Imma....

Bepi : Għallanqas għandek xi raġuni oħra...xi raġuni aktar serja, gravi u terribbli li forsi int m'għandekx kuraġġ tgħidieli.

Pina : M'għandi ebda raġuni...Naħliflek...ebda raġuni!

Bepi : Il-mod li bih qiegħda tiċħad, jagħtini aktar x'nifhem li int qiegħda taħbi l-verita'... (Jaqbadha minn idha) Għedtlek ħares lejja! (B'leħen issoffokat) Sewwa qiegħed ngħidlek? Stqarr il-verita'.

Pina : (Imbażża') Xi tridni nistqarr?

Bepi : Minnu dak li qiegħed naħseb?

Pina : M'iniex nifhmek...Ħallini!

Bepi : Le! Jeħtieġ li tgħidli kollox...Nordnalek!

Pina : Għedtlek ħallini...Qiegħed tweġġagħni! (Tittanta taħrab minnu)

Bepi : (Iżommha minn idha) Int tħobb lil xi ħadd!...

Pina : Le!.. Mhux tassew!

Bepi : Int għandek 'l xi ħadd u trid titlaq minn hawn biex tistor dnubek...

Pina : (Tgħajjat) Mhux tassew!...

Bepi : (Mgħaddab) Tigdibx! Kollu għalxejn li taħbili.... Jiena naf kollox!

Pina : Kollox'.... (Tinżel għarkobbtejha quddiemu) Aħfirli!. Maħfra!.. (Pawsa)

Bepi : Qum minn hemm u weġibni!

Pina : (B'leħen fgat bil-biki) F'isem l-aktar ħaġa għażiża li għandek...Tkellimnix fuq dan.... Jien waqajt fil-għajb....Iva!... Ittradejt il-fiduċja li kellkom fija.. Waqajt!..Waqajt għaliex ma kellix esperjenza.... Emminni...Naħlifulek fuq qabar ommi...Ma kontx naf.... Ma kontx naf liema huma l-konsekwenzi...Anke issa... jiena stess nistaqsi lili nnifsi, kif stajt ninsa l-eżempji tajba li tajtuni int u martek...Imma, issa, x'jiswa li wieħed jisgħobbieh? Issa, m'hemmx aktar rimedju...Il-ħażin laħaq sar...Jiena xbejba disgrazzjata...Kont inħallas sa l-inqas qatra demm li għandi jiġri fil-vini tiegħi biex intom ma tkunux tafu xi ġrali....Id-destin ried xort'oħra...Int, issa, sirt taf b'kollox, issa, m'għandix għalfejn naħbi iżjed minnek....Taf liema hi r-raġuni...Ma rridx indum iżjed hawn... Irrid immur....immur imbierek din id-dar...lilkom, il-benefatturi tiegħi li jiena nħobb aktar minni nnifsi...Nitlob lil Madonna għalikom sakemm indum ħajja.

(Tinfexx tibki)

Bepi: Iskot, Pina....Id-dmir, issa, qiegħed isejjaħli aktar minn qabel....Issa, aktar ma nistax inħallik tmur. Hemm fuq, fis-sema, hemm mara li qiegħda titlob għalik.

Qiegħda titlobni birx nipproteġik...biex niddefendik aktar milli għaraft niddefendik qabel....Tibkix, Pina... Qiegħda tagħfasli qalbi....Tassew, iva, tassew li int għamilt żball kbir, imma, bl-għajnuna t'Alla, nistgħu insewwuh dan l-iżball. Int, xi sold għandek imfaddal... Jekk ma niżbaljax, il-bank, għandek madwar tliet elef lira...Sewwa qiegħed ngħid? Jiena inżidlek tliet elef oħra, erba' ħamsa oħra jekk jkun hemm bżonn...Nagħmillek dota sabiħa u b'hekk, int, tkun tista' tiżżewwġu.

Pina: (Imbażża) Lil min niżżewweġ?

Bepi: Kif, lil min? Lilu!..Lil dak l-ibecilli ...lil dak li ġiebek f'dak li ġiebek! (Lilu nnifsu) Wicc ta' kelb! (Idur fuqha, b'leħen għoli) X'jagħmel dal-mingħul? X'jismu?

Pina: (Imwerwra) X'jismu? Le, le!... Dan, ma tkun tafu qatt.

Bepi: X'għedtli???

Pina: Le, le, qatt!

Bepi: Ma tridx tgħidli x'jismu? Għaliex? Forsi dan xi bniedem qattiel? Xi ħabsi? (Milqut minn ħsieb) Pina!.. Jaqaw xi wieħed miżżewweġ?!

Pina: Le!....Iva, iva....

Bepi: Iva jew le? X'int tħawwad? Ħawwadtli moħħi...Imma, kif? Qiegħed nissuġġerilek l-aktar soluzzjoni ħafifa... Irrid nagħtik missier għal kreatura tiegħek u int qiegħda tirrofta dak li qiegħed noffrilek? Tidher imwerra u mkexkxa...Le, Pina...Jeħtieġ li tgħidli min hu... Tgħidli x'jismu, anke jekk naf li dan nisraqulek minn bejn xofftejk...Pina...Qiegħed nistenniek! Ikollok tgħidli min hu!

(Jaqbadha minn dirgħajha)

Isem il-maħbub tiegħek irrid naf!... Għidli min hu.... Issa...issa stess irrid nafu!

Pina: (titħabat biex teħles minnu) Le!..Ma nistax!... ħallini....

Bepi: (Mitluf, jinsisti) Għidli x'jismu...Titliflix sabri.. Għidli min hu!

Pina: Oqtolni! Qatt!..Qatt ma jiena sejra ngħidlek min hu!

Bepi: Mara vili! (Ikun ser isawwatha)

Pina: Imgezza u mbażża) Ah!...Le!...Ftakar fil-kreatura...

(Bepi iniżżel idejh, imbażża)

Chechi: (Jilħaq fuq il-bieb tal-faccata, ma' l-aħħar kelmiet ta' Bepi. Imbażża') Pina!...

Pina : (Kważi mitlufa bla ma taf x'inhi tgħid) M'għedtlu xejn!...Ebda kelma!... Ebda kelma!...

Bepi : (Imwerwer) Allura....Kont int!...Int!...Bniedem iddisgrazzjat! (Ikun ser jaħbat għalih)

Anzolo: (Li jidħol wara Chechi) (Iżomm lil Bepi)

X'ser tagħmel b'idejk?

Mad : (Minn ġewwa) Min sakkra dal-bieb?

Anzolo: Attent...Hawn Lucieta. (Imur jiftaħ il-bieb)

Bepi : (Jaqa' bilqiegħda, qisu miblugħ) Ibni!..Kien ibni stess!

Mad. : (Minn fuq ix-X) Dan, x'ġenn hu sakkartna hemmġew?

(Tilmaħ lil Chechi u tkun sejra tgħanqu magħha)

Chechi!... (Sorpriża) Ma tagħtinix bewsa? Xi ġralek?

Chechi : Xejn! (Iħaddanha miegħu b'indifferenza)

Mad. : (Tħares l-ewwel lejn Bepi, imbagħad, lejn Chechi)

(Lil Bepi) Għidli int x'ġara. Wiċċu qisu xi funeral.

Bepi : (Bi sforz) Xejn.... Ma qallekx iħnek stess...Ma ġara xejn...Kont qiegħed nitkellem ma' Pina, imbagħad f'salt wieħed, daħlu huma.

Mad. : (Waqt li tħares lejn Pina) Fhimtek! Tagħtek xi battikata oħra!

Bepi : Le! Bil maqlub...Imma, issa, kollox irranġajna... Sewwa qiegħed ngħid, Pina? Hija tammetti li żbaljat u wegħditni li ma terġax iżjed!!! Wegħditni li ser tibqa' magħna....

Pina : Jien?

Bepi : Iva...Jaqaw, tibża li marti ma tridekx? Qiegħda taħseb li saret tobgħodok?

Mad. : Xejn affattu... Qiegħda nieħu gost nisimgħek tgħidli hekk....

Bepi : Pina, smajtha x'qalet? (Lil Maddalena waqt li Anzolo qiegħed jitkellem ma' Lucieta u Chechi, mitluf jaqa' bilqiegħda hdejn it-tavolin)

Warrab lil Lucieta minn hawn!

Mad. : Għaliex?

Bepi : Għamel li għedtlek!

Mad. : Imma, nista' nkun naf....

Bepi : Wara, ngħidlek kollox.

Mad. : Imma....

Bepi : Titliflix sabri, trid?

Mad. : Sejra, sejra!... Lucieta, imxi miegħi...Illum, kulħadd jinsab invażat bix-xjaten...Imxi Chechi int ukoll.

Bepi : Le! Chechi jibqa' hawn!

Mad. : Allura, aħna biss...(Lil Lucieta) Imxi mmorru la l-pricipal irid hekk... (Joħorġu minn fuq ix-X.)

Bepi : (Mitluf, jersaq lejn Chechi) Banavolja!...Xellebat!

Chechi : (Iqum irrabjat) Papa'!

Anzolo : (Iżomm lil Bepi) Ikkalma...ikkalma!

Bepi : (Lil Pina, waqt li din tkun ser toħroġ) Ma rridekx titħarrek minn hawn. (Lil Chechi) Daqshekk tirrispettana, hux tassew? Dawn huma l-eżempji li qiegħed

toffri lil~~i~~ ohtok....Lil omm din l-isventurata, fuq is-sodda tal-mewt ħliftilha li nieħu ħsiebha...li nrabbiha bħala binti u int.... int li għalik batejt il-ġuħ biex edukajtek u wassaltek tilħaq avukat, ħallastna b'dan l-ġir fahxi.....(idur fuq Anzolo) Kont naħseb li ibni huwa x xempju ta' l-onesta'...xempju taż-żagħżagħ...Kont naħseb li fid-dinja m'hawnx missirijet xortihom tajba u ħinjin daqsi u issa....issa, x'jidhirlek? Fhiex kelli nsib ruħi. Xi gwaj!.. X'ħasra!...(Jinfaqa' jibki)

Anzolo:Bepi, isa, kun raġel...Titlifx l-għalmu tiegħek...Fid-dinja kulħadd jiżbalja u kollox jissewwa ladarba għadna ħajjin.

Bepi :Iva!..Għandek raġun....Bil-biki m'aħna sejrin insewwu xejn... Halluni waħdi miegħu.

Anzolo: Imma....

Bepi : Nitlobkom.

Anzolo: Tweghdni li tibqa' kalm?

Bepi : Iva, nwegħdek. (Lil Pina) Mur, għażiża binti...Mur ma Anzolo... (Lil Anzolo b'leħen baxx) Tħallihiex taħrab minn taħt għajnejk li ma tagħmilx xi bicca ġenn.

Anzolo: Serraħ moħħok. (Jitlaq minn fuq il-L. jiġbed lil Pina bil-ħlewwa, waqt li din qiegħda tibki)

Bepi : (Wara pawsa) U issa, li ninsabu waħedna, irrid naf dil-kwistjoni kif sejra tispicca.

Chechi: Fisser ruħek.

Bepi : Irrid ngħid, x'beħsiebek tagħmel b'dik ix-xebba?

Chechi: Nittama li m'intix tittama li sejjer niżżewwiġha.

Bepi : Għaliex, le?

Chechi: Hemm għalfejn tistaqsini?

Bepi : U ċgur li hemm għalfejn nistaqsik.

Chechi: Hallina minnek...

Bepi : Kif? Għandek il-ħila tirrifjuta dak li jisthoqq lil dik ix-xbejba? Li ssewwi l-iżball vili tiegħek?

Chechi: Int qiegħed tagħmilha bi kbira wisq.

Bepi : Imma, kif? Proprju int titkellem b'dan il-mod? Int, li sa siegħa ilu ġiegħltni nibki, qisni xi tifel ckejken meta smajtek tiddefendi b'dik il-qlubija u ħeġġa lil dik lid-disgrazzjata li f'waqt ta' delirju u ta' disperazzjoni, biex tistor dnubha, fgat lil kreatura tagħha? Imma, x'razza ta' avukat int? Int li ftit ilu tennejt dak il-kliem qalbieni u herqan kontra dak li tilfilha ġieħa...li ġiegħlha ssir omm...li abbandunaha u li wassalħa twettaq delitt. Kont naħseb li dak il-kliem...li dik id-difiża kienet ġejja minn qalbek. Hsiebt li kliemek kien ifisser l-għajta tal-kuxjenza... Iva! F'dak il-waqt li kont qiegħed nisimgħek b'ħalqi miftuħ, fija ħassejt sodisfazzjon u bejni u bejn ruħi, għedt: Iva, ibni, ~~kkk~~ irridek onest, twajjeb u qalbieni. Hassejtni ferħan għar-rebħa li kellek f'dak il-ġuri, imma l-aktar, kien f'dak il-ħin, meta smajtek tgħolli leħnek u tisħet il-vizzju, il-korruzzjoni il-ħallilin tal-ġieħ u s-safa tax-xbejbiet. Iva, int ma

stajtx tagħżel kliem isbaħ minn dak: "Hallilin tal-ġieħ u tas-safa'! U int, issa, trid issir wieħed minnhom.. wieħed minn dawk li int ikkundannajt b'tant tmaqdir u żeblieħ.

Chechi: Papa'!...
BEPI:
Tista' tiċħad li m'għedtx hekk quddiem il-Qorti. Kien hemm tfajla msejkna, safja, nieqsa minn kull-esperjenza u li għalhekk, din, kellha tkun għalik bħala ħaġa qaddisa...għaliex iltima għaliextrabbiet miegħek, taħt l-istess saqaf li taħtu egħxu wkoll ommok, missierek u oħtok flimkien miegħek u int, bl-akbar vilta li stajt tinqiegħda biha, approfittajt ruħek minnha...Għamilt minnha omm....Għidli, kieku xi ħaddieħor aġixxa m'oħtok b'dan il-mod, ma kontx taqbeż fuqu u taħtfu minn griżmejh?

jisgħobbija minn dak li għamilt...

Chechi: Naf li għamilt ħażin u ~~għalhekk m'hemmx għalfejn nitkellmu iżjed~~ emminni.

Bepi : Tajjeb! La taf li għamilt ħażin, m'hemmx għalfejn nitkellmu iżjed...Jeħtieġ li ssewwi l-iżball tiegħek.

Chechi: B'liema mod?

Bepi : Billi tiżżewwiġha!

Chechi: Jien?

Bepi : Iva! Xejn inqas minn hekk.

Chechi: Le! Dan, ma nagħmlux!

Bepi : Għaliex? Dan hu d-dmir sagrosant tiegħek!

Chechi: Dmiri hu li nagħtiha ismi!

Bepi : Daqshekk hu u dan jeħtieġ li tagħmlu mill-aktar fis.

Chechi: Mhux hekk malajr, papa'!... Aħseb ftit...Għadni żagħżugħ... Għadni nibda l-karriera tiegħi...Xi jgħidu n-nies għalija meta jkunu jafu li jien ħabbejt is-seftura tagħna?

Bepi : Dan, kellek taħseb fih qabel!

Chechi: Sewwa qiegħed tgħid, imma, jien, tassew ħabbejtha u kienet din l-imħabba li tilfitni minn sensija...Qawwietha ma flaħtx nirreżiżtiha.

Bepi : U għaliex int m'għaraftx tirreżiżti dik l-imħabba, dil-povra xbejba, għandha tħallas waħedha l-konsekwenzi ta' blugħatek...Sewwa qiegħed ngħid, Sur Avukat?

Chechi: Biż-żmien, meta nkun għamilt isem, meta nilħaq fejn nixtieq nilħaq, allura nkun l-ewwel wieħed li niġi nitolbok biex insewwi l-iżball li għamilt, imma, għall-issa, le...elf darba le.... ma rridx li naqa' għac-cajt ma kull min jafni...Ma rridx li meta jarawni, jgħidu: L-Avukat Carantan iżżewweġ is-seftura li kellu."

Bepi : Is-seftura tiegħek? Jien, nixtieq naf x'int...Jaqaw sir xi Markiż? Xi Duka? Xi Prinċep? Kieku int meta ġejt fid-dinja, jien, ma kontx bil-għaqal u bżajt għas-sold, kieku, int, x'int? Min int??? Żagħżugħ injurant bla skola... fqajjar, jiġri minn hawn għal hinn biex jara mnejn ser jikseb il-bukkun ta' kuljum.

Chechi: Ismagħni, papa'....

Bepi : Le, le... Weġibni għal li qiegħed nistaqsik...

Chechi: Tajjeb, allura ngħidlek li għall-issa, m'iniex beħsiebni niżżewwiġha.

Bepi : Jiġifieri, beħsiebek tabbandunaha b'dik it-tarbija?

Chechi : Le, dan, m'iniex ser nagħmlu...Nieħu ħsieb għal manteniment tagħhom.

Bepi : U b'liema mezzi? B'dawk li qiegħed taqla jew li qlajt s'issa?

Chechi : Qiegħed iccanfarni għaliex għamiltni avukat? Kont int li ridtni nistudja.

Bepi : Illum, qiegħed jisgħobbija li edukajtek. Dak li għamilt int agħar milli kieku sraqt...Kieku bqajt injurant, bħali, forsi kont tkun onest u galantom... Chechi, għall-ewwel darba sejjer nitolbok xi ħaġa.. U dak li sejjer nitolbok huwa aktar għalik milli għalija...Aħseb ftit f'dik il-kreatura innocenti li minn hawn u ftit ieħor sejra titwieled...Ftakar li dik hija l-istess demmek...Ġib quddiem għajnejk lil ommha...Din ma tħarisx lejn il-kreatura tagħha bħal ma ommok kienet tħares lejk, b'dik it-tbissima..Dik it-tarbija meta tikber ftit, tibda ttawwal idha biex tfittxek bħal ma int kont tfittex lili u din, ma ssibekx...X'tgħidilha ommha? X'ikollha tweġibha? "Le, għażiża tiegħi, missierek ma jeżiżtix...dan, ma riedx jaf bik...Huwa abbandunak...Chechi, ma jistax ikun li int trid li jingħad dan il-kliem fuqek... Għaliex jekk int tassew ħabbejt lil ommok, kif għallanqas turi b'għemilek, ma tistax ma tħobbx ukoll lil kreatura tiegħek.

Chedhi : Nerġa' ngħidlek...Naħliflek....Jien ma nonqosx li naħseb fihom.

Bepi : (Jaqtagħlu kliemu) Iskot! S'issa tlabtek bil-ħniena...jiena missierek...issa, sejjer nordnalek... Int tiżżewweġ lil Pina u mill-aktar fis possibbli.

Chechi : (Riżolut) Le!

Bepi : (Mgħaddab għall-aħħar) Le? Tissokta tgħid, le?

Chechi : (Aġitat) Papa', lilek jien inħobbok u nadurak... Ma ridtx li int tkun taf b'dan il-fatt li jien biss ħinsab responsabbli għaliħ, imma, li int trid iġġiegħlni nintrabat bi żwieġ li jirrovina l-ġejjieni tiegħi; li ndaħħaq in-nies bija fis-Socjeta'...dan, le...elf darba le... għallanqas għall-issa.

Bepi : (Mitluf minn sensieh, jaqbdu minn sidru u jgħajjat) Aħseb f'dak li ser tagħmel u titliflix sabi għaliex ma nafx fejn sejjer twassalni.

Chechi : (Iżommlu idejh b'forza qawwija) Papa'!.. F'ġieh Alla....Tinsiex li jien raġel ukoll!

Bepi : (Ibegħdu minnu b'disprezz) Le!... Int m'intix raġel... Int bniedem vili...Itlaq...Mur minn quddiemi... Tbiegħed minn dari...Ma jistħoqqlokx li tibqa' tgħix miegħi u mal-familja tiegħek....Lil dari, int, tebbajtilha ġieħha...Int m'għadekx iżjed ibni!...Int m'intix ħinn iż-żwieġ bħal maxhuxxsejjerxikun mhix sejra tkun il-kreatura tiegħk...Mur!..Italq minn quddiemi!

(Mill-faccata jitfacca Filipo)

Filipo : Nista' ngħaddi?

Bepi : (Waqt li Chechi jidher imrekken, avvilut) Għaddi, għaddi, ħabib...Int trid tonorani billi qiegħed titlob l-egħrusija ta' binti, sewwa qiegħed ngħid?

Filipo: (Miblugh) Iva!....

Bepi : Dan, aktarx qieghed taghmlu ghaliex minghalik ahna xi familja sewwa....

Filipo: Ahfirli!...Ghadni ma nistax nifhem....

Bepi : Int mort imqarraq, habib.... Ahna nies mill-aghar u dak li hemm f'dik ir-rokna, huwa l-kampjun tal-banavolji xempju tal-vilta' (Jurieh lil Chechi)

Chechi: (B'lehen gholi, mghaddab) Papa'!....

Bepi : (B'ghajnejh imberqin bir-rabja) Xi trid? X'ghandek xi tghid? (Lil Filipo) Lil dak ghadni kemm keccejtu minn dari....Ghal dan, jien ma niflahx... Ma nistax insofrih....(jaqa' bil-qieghda, jibki)

Filipo: (Jersaq bil-mod lejh) Sur Bepi.... (Pawsa)

Bepi : (Iqum) Ghandek ragun!...Il-bniedem juri x'inhu minn eghmilu.

(Jersaq lejn il-bieb ta' fuq ix-X)

Pina? Jekk hawn min qieghed jonqos minn dmiru, hawn ukoll min jaf jpatti.... Pina?

(Pina titfacca fuq il-bieb, b'rasha baxxuta u warajha jitfacca wkoll Anzolo)

Ersaq binti, ersaq lejja... Erfa' rasek u hares lejja bla misthija. Mhux int ghandek timxi wiccek lejn l-art...Mhux int ghandek tisthi u m'ghandekx ghalfejn tibki! Dak is-sinjur....

(Jindika lil Chechi bla ma jhares lejh)

Ser jitlaq minn din id-dar...Int tibqa' hawn ma' dawk li jhobbuk...Il-kreatura tieghek tkun tieghi wkoll... Jien sejjer nitlef tifel, imma Alla l-imbierek sejjer jaghtini iehor floku...Did-darba, naghraf nedukah ahjar.

Pina : Le, Sur Bepi....ma rridx li.....

Anzolo : (Kersaq lejhom) Nixtieq nghid kelma...Bhall-issa, qieghed nammira l-kondotta sabiha tieghek...Ghal hafna ragunijiet ma nistax napprova dak li qieghed tghid... Int ghandek dmirijiet ohra...Ghandek xebba, jien, minn-naha l-ohra, ninsab wahdi...M'ghandix geenituri... m'ghandi lil hadd min jigi minni u ghalhekk, m'ghandix min jindahalli. Pina, ma tistax tibqa' izjed f'din id-dar, ghalhekk, jiena noffrilha tigi mieghi...Niehu hsiebha jien u meta jasal il-waqt...Qeghdin tifhmuni? Nedukawh ahna bież meta jikber, ghar-rispett tieghek, ma jishetx lil min giebu fid-dinja.

Bepi : (Kommoss) Nirringrazzjak, habib, nirringrazzjak... Iva, nahsbu fih ahna t-tnejn... (Jersaq lejh u jhaddnu mieghu)

Anzolo : (Lil Pina) Immorru.

Pina : (Tibki) Sur Bepi....Ahfirli...Nahliflek li ma ridtx nitkellem....Inqbadt wahdi....

Anzolo : (Jigbidha 'l barra bil-mod) Imxi mieghi....

Chechi : (Li matul dix-xena deher li qieghed jeccita ruhu minn sentimenti opposti, meta Pina tasal fuq il-bieb, itawwal idu lejha:)

Le, Pina....Ma nistax inhallik tmur!

Pina : (Ferħana, tgħajjat) Chechi!... Taqa' f'dirgħajh u jitgħanqu)

Bepi : (Waqt li jħares lejhom imbissem) Sa fl-aħħar!

Chechi : (Jintebaħ li Pina ntilfet minn sensiha) Pina!...

(Pina tidher mitlufa. Chechi iressaqha u iqiegħda fuq il-pultruna)

Tidher mitlufa....

Bepi : (Jiġri lejha u jibda icapcpila fuq wiccha) Isa, isa... Issa, ser nitilfu sensina wkoll? Ġibuli ftit ħall-il-w ward jew tazza ilma....Isa, Pina...issa kollox irran - ġajna.

(Jidħlu Maddalena u Lucieta minn fuq ix-X.)

Mad. : Spiccat il-konferenza? Xbajt nistenna! (Tilmaħ lil Pina mitlufa)

X'waħdadin!.. Pina, xi ġralha?

Maddalena u Lucieta jiġru lejha)

Bepi : Taha sturdament... bħal xejra mejt...Dal-waqt jgħaddila. Hekku...qiegħda tistejqen...qed tiftaħ għajnejha.

Mad. : Kuraġġ, Pina...isa, għamel kuraġġ...

Luc. : M'għandek xejn...dal-waqt jgħaddilek.

Pina : (Pina tidher tiftaħ għajnejha, tħares madwarha u ħdejha tilmaħ lil Maddalena u lil Lucieta:)

(Ferħana, tħaddan l-ewwl lil Maddalena) Sinjura Maddalena!.. (Imbagħad lil Lucieta) Lucieta!....

Mad. : (Tbusha) Għaddielek?

Pina : Iva....

Chechi : (B'leħen miksur u mistħi) Pina, taħfirli?

Pina : Chechi, ġa insejt kollox.

Mad. : (Sorpriża) Taħfer!..Tinsa?..... (Lil Bepi)

X'għandha x'taħfer? X'tinsa?

Bepi : Hmerijiet....Ftit ilu tlewwmu bejniethom...Din kienet ir-raġuni li riedet tħallina...

Mad. : Għadni ma nista' nifhem xejn.

Bepi : M'hemmx x'tifhem...Kollox car u biex nikkonkludu, għada nibdew naħsbu għat-tnidijiet u fi ftit ġimgħat oħra jkollna t-tieġ.

Luc. : (Ferħana) (Lil Chechi) Tassew?

Mad. : (Dejjem aktar sorpriża) It-tieġ?

Bepi : Iva, t-tieġ.

Mad. : Imma, allura, dawn, kienu jinħabbu?

Bepi : Hekk għandi naħseb.

Mad. : U int, kont tafu dan?

Bepi : X'jidhirlek?

Mad. : (Tibqa' miblugħa, ħalqha miftuħ)

Mad. : (Lil Chechi) Kont tħobbha?

Bepi : B'imħabba kbira wkoll.

Chechi : Iva, mama' kont inħobbha u int, papa' kont iebes wisq miegħi.

Bepi : Issa, kollox għadda.

Mad. : Imma, tistgħu tgħiduli kif hekk f'salt wieħed....

Bepi : (Ikellimha f'widnejha)

Mad. : X'għedtli? Chechi? Le!..Ma jistax ikun!....

Bepi : Kif, ma jistax ikun? M'intix taħseb li kont jien?

Maddalena!....

SIPARJU ĦAFIF KEMM JISTA' JKUN.